**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Nru: 241/2019**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**-Vs-**

**MICHEL ABOU HAIDAR**

**Illum, 16 ta' Marzu 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **MICHEL ABOU HAIDAR** ta' 51 sena, iben Melhem u Fadia nee' Theuma imwieled Lebanon fit-3 ta' Ottubru 1967, residenti Antonio Court Flat 3, Triq tal-Mensija, San Ġwann u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 69896M, li tressaq quddiemha akkużat talli f'April 2016 u fil-ġranet u fix-xhur ta' wara, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmulin b'rizoluzzjoni waħda,

1. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar

ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta’ aktar minn ħamest’elef ewro (€5,000), għad-detriment ta’ Antonio Augugliaro id. 204478M u/jew Aurum Company Ltd;

2. U aktar talli bi ħsara ta’ ħaddieħor, għamel qligħ ieħor b’qerq, għad-detriment ta’ Antonio Augugliaro id. 204478M u/jew Aurum Company Ltd bi ksur tal-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali;

3. Approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, is-somma ta’ aktar minn ħamest elef euro (€5000) taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, liema somma ġiet fdata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, kariga, jew servizz tiegħu, għad-dannu ta’ Antonio Augugliaro id. 204478Mu/jew Aurum Company Ltd ;

4. Aktar talli fl-istess żmien, loku ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi jew billi daħħal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi żidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw ghad-dannu ta' Antonio Augugliaro id. 204478M u/jew Aurum Company Ltd;

5. U talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza għad-dannu Antonio Augugliaro id. 204478M u/jew Aurum Company Ltd;

6. U aktar talli fl-istess żmien b'abbuż ta' awtorita' għamel jew ta dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz għad-dannu ta' Antonio Augugliaro id. 204478M u/jew Aurum Company Ltd;

7. U aktar talli fl-istess żmien xjentement għamel użu minn dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz għad-dannu ta' Antonio Augugliaro id. 204478M u/jew Aurum Company Ltd:

8. U aktar talli fl-istess żmien għamel falsifikazzjoni b'firem foloz, jew b'tibdil fatti, fi skritturi, jew b'firem, jew billi daħħal isem ta' persuna mhux vera fi skrittura privata li tkun tista’ tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli u xjentement għamel użu minnha għad-dannu ta' Antonio Augugliaro id. 204478M u/jew Aurum Company Ltd:

9. U aktar talli fl-istess żmien għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, għad-dannu ta' Antonio Augugliaro id. 204478M u/jew Aurum Company Ltd;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

Semgħet lill-imputat jiddikjara waqt l-eżami li mhux ħati għall-akkużi[1];

Rat in-nota tal-Avukat Generali tad-9 ta’ Novembru 2020 fejn, ghall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom, hemm mahsub li tista’ tinstab htija, u cioe`:

1. Fl-artikoli 18, 308, 310 (1)(a) u 310B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 18, 309, 310(1)(a) u 310B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 18, 293, 294, 310 (1)(a) u 310B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 18, 183 u 189A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Waqt l-eżami li saret wara li nqraw l-akkużi ġodda ppreżentati fis-6 ta’ Ottubru 2020, l-imputat ukoll wieġeb li mhux ħati.

5. Fl-artikoli 18, 184 u 189A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 18, 185(1)(2) u 189A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-artikoli 18, 186 u 189A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Fl-artikoli 18, 187(1)(2) u 189A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
9. Fl-artikoli 18, 189 u 189A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
10. Fl-artikoli 15A(1)(2), 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tad-9 ta’ Novembru 2020 jiddikjara li m’għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tas-26 ta’ Jannar 2022;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ippreżentata mid-difiża fit-23 ta’ Frar 2022;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**Antonio Auguliaro**, direttur fil-kumpannija Aurum Company Limited (“il-kumpannija”), il-kwerelanti, xehed illi huwa kien daħħal lill-imputat biex jgħinu jmexxi ‘l quddiem negozju li kellu bi sħab ma’ Oliver Azzopardi, fejn ir-rwol tal-imputat kien li jidentifika *wholesaler* ġewwa l-Lebanon biex jaġixxi u jinnegozja għan-nom tal-kumpannija[2] ix-xiri ta’ kwantitajiet sostanzjali ħalib tat-trabi tad-ditta Nestle Nido Plus One Red Cap, u jitħallas *commission* ta’ €4,000 fuq kull *container* li

[2] Ara prokura Dok. Y10.

jinbiegħ. Antonio Auguliaro xehed illi l-ħsieb kien li dan il-prodott jintbagħat b'*transhipment* mil-Lebanon lejn Malta għal ri-esportazzjoni lejn il-Libja fejn kellu ordnijiet mingħand diversi klienti. Huwa eskluda li l-ħsieb oriġinali qatt kien li dan il-ħalib jiġi importat ġewwa Malta għaliex kien jaf li dan il-prodott ma jistax jiġi importat u jinbiegħ fl-Unjoni Ewropea. Fisser kif diġa' fl-2015 il-kumpannija kienet tesporta ħalib tad-ditta Nestle Nido Red Cap mill-Ingilterra lejn il-Libja iżda ġara li wara l-2015, dan il-prodott partikolari ma kienx ser jibqa' jinbiegħ ġewwa l-Ewropa u kien għalhekk li kellu jsib *supplier* ieħor mir-reġjun tal-Lvant Nofsani. Għalkemm kien sab *supplier* ġewwa Dubai, il-prezzijiet kienu għoljin wisq u kien f'dak l-istadju li Oliver Azzopardi introduċih mal-imputat. L-imputat qal li kellu kuntatt ġewwa Dubai u flimkien ma' Oliver Azzopardi marru Dubai a spejjeż tal-kumpannija[3] biex jiltaqgħu ma' din il-persuna iżda kien ġie eventwalment deċiż li ma jsirx negozju miegħu għaliex deher li m'huwiex bniedem affidabbli, partikolarment meta insista illi fl-*invoice* tal-bejgħ jidher prodott ieħor minflok il-prodott Nestle Nido Red Cap[4] u meta baqa' ma pprovdiex id-dokumenti u rassigurazzjonijiet li ntalab jipprovdi lill-kumpannija Aurum Limited[5]. Inoltre, Oliver Azzopardi kien infurmah li l-laqgħa li kellhom ma' din il-persuna hu u l-imputat saret fit-triq u mhux f'uffiċċju.

Sussegwentement, waqt laqgħa li kellhom f'Mejju 2016 l-imputat issuġġerixxa li jiġi identifikat *supplier* li jista' jaġixxi bħala *wholesale agent* ta' dan il-prodott ġewwa l-Lebanon fejn dan il-prodott kien jiġi importat mid-Dubai u wara ftit ġranet infurmah li kien irnexxilu jsib *wholesaler* ġewwa l-Lebanon. Antonio Auguliaro spjega li huwa kellu kuntratti fejn kien obbligat jissupplixxi l-prodott lill-klienti tal-kumpannija ġewwa l-Libja[6] u għalhekk ftiehmu li l-imputat imur Lebanon biex jibda t-trattattivi billi jaġixxi ta' intermedjarju bejn il-kumpannija u dan il-*wholesaler*. L-imputat talab li jingħata somma flus biex ikopri l-ispejjeż tal-ivvjaġġar kif ukoll depożitu li kellu jitħallas lis-*supplier* biex iżomm il-prodott li kellu fil-maħżen, u qallu wkoll li fil-Lebanon jaħdmu kollox *cash* u li dan is-*supplier* ma kellux kontijiet bankarji. Xehed

[3] Dok. AA2, fol. 34 sa 52.
[4] Dok. AA3, fol. 55.
[5] Ara Dok. AA3, fol. 53 u 56.
[6] Dok. AA1, fol. 33, 33A.

illi għalhekk, huwa għarraf lill-banek li taħdem bihom il-kumpannija li kien ser ikollu bżonn flus likwidi minħabba negozju li kien ser isir ġewwa l-Lebanon u lill-imputat tah €6,800 f'kontanti[7]. L-imputat kien qallu wkoll biex jibgħat il-flus lil ċertu wieħed Joseph biex huwa mbagħad joħroġ *cheque* biex jitħallas is-*supplier* iżda hu ma kienx komdu b'dan l-arranġament u ma aċċettax li jagħmel dan.

L-imputat mar il-Lebanon fid-9 ta' Ġunju 2016 biex jagħmel l-arranġamenti biex il-prodott jiġi trasportat mill-maħżen tal-aġent, ċertu Hasan, lill-port ġewwa Beirut u kien f'kuntatt mal-imputat kważi kuljum. Antonio Auguliaro qal li l-imputat kien bagħtlu ritratti tal-prodott ġewwa xi maħżen iżda l-prodott ma kienx jidher ċar u r-ritratti ma kienux konvinċenti[8]. L-imputat qallu wkoll li l-prodott kien telaq mill-maħżen u sostna li wasal il-port f'Beirut u fir-rigward, kien tah struzzjonijiet biex juża biss il-*freight forwarder* li l-kumpannija Aurum kienet taħdem bih, ċioe' ir-rappreżentant ta' Express Trailers Malta ġewwa Lebanon, Universal Freight Services[9]. Iżda għal xi raġuni, l-imputat għażel li jmur għand kumpannija bl-isem National Shipping Company[10]. Antonio Auguliaro qal li ħareġ ukoll l-ispejjeż għat-trasport tal-merkanzija mill-bejjiegħ ġewwa Xtura għax-xatt fil-maħżen ta' ċertu Mohammed Al Baxa, kif ukoll ħareġ l-ispejjeż għall-bżonnijiet tal-imputat waqt li kien qiegħed il-Lebanon[11]. Ikkonferma illi minħabba li kien hemm problemi biex jittrasferixxi flus lejn il-Lebanon, l-imputat kien offra li jittrasferixxi s-somma ta' $90,000 minn kont li kellu f'bank ġewwa Dubai għal ġol-kont bankarju tiegħu fil-Lebanon iżda minkejja li talbu jgħaddilu d-dokumenti kollha li kien ser jitlob il-bank biex eventwalment jista' jirrifondilu l-flus hawn Malta, l-imputat qatt ma tah id-dokumenti. Antonio Auguliaro kkonferma wkoll li huwa għamel diversi *transfers* separati permezz ta' Western Union direttament fil-kont tal-imputat[12].

---

[7] Ara dokumenti Dok. AA4, komplessivament.
[8] Dok. AA8, fol. 72 sa 76.
[9] Ara dokument a fol. 126.
[10] Ara Dok. AA17.
[11] Dok. AA6, fol. 64. 65 u Dok. AA6.
[12] Dok. AA16 komplessivament.

Antonio Auguliaro kompla jixhed illi meta ra illi kien għaddej iż-żmien u l-imputat kien għadu ma kkonkludiex in-negozju, huwa talbu biex jiġi lura Malta biex jitlaqgħu wiċċ'imb wiċċ iżda meta ltqagħu, l-imputat qallu li kien nesa d-dokumenti kollha l-Lebanon. F'dan l-istadju huwa talab lil sieħbu fin-negozju, Oliver Azzopardi, biex imur il-Lebanon mal-imputat biex jivverifika l-affarijiet, jara l-merkanzija b'għajnejh u jara li verament din kienet inġarret għal ġol-maħżen fil-port biex imbagħad jieħu ħsieb biex il-container bil-merkanzija jitlaq lejn il-Freeport ta' Malta. Iżda Oliver Azzopardi infurmah illi meta kien hemmhekk, ma rnexxilux jara l-merkanzija li suppost kienet inxtrat u li kullimkien magħluq peress li fil-perijodu ta' ftit ġranet li kien qatta' ġewwa Lebanon, kien hemm xi festa Musulmana.

Antonio Auguliaro xehed illi l-imputat bagħtlu karta b'*serial numbers* ta' żewġ *containers* tal-Maersk li fuqhom kienet tgħabbiet il-merkanzija[13] iżda in segwitu, meta talab għal informazzjoni dwar dawn il-*containers* huwa kien ġie infurmat li dawn in-numri ma jeżistux, filwaqt illi l-kumpannija National Shipping – il-*freight forwarders* li l-imputat qallu li kien mar għandhom biex tintbgħat il-merkanżija - ukoll infurmawh li dawn il-*containers* ma kienux jeżistu u ma għandhomx *containers* reġistrati fuq Aurum Co. Limited. Sussegwentement, il-kumpannija Maersk Line ġewwa Lebanon infurmatu li *containers* minn Lebanon għal Malta jintbagħtu biss minn SeaGo Line mhux minn Maersk Line iżda meta talab informazzjoni mingħand SeaGo Line, ġie infurmat illi l-*containers* in kwistjoni qatt ma ġew reġistrati magħha biex jintbagħtu lejn Malta[14]. Antonio Auguliaro xehed illi din l-informazzjoni kienet ta' inkwiet kbir għalih għaliex il-kumpannija Aurum Co. Limited kellha tonora l-ordnijiet li kienet irċeviet mingħand il-klienti tagħha iżda l-imputat baqa' jinsisti miegħu li l-merkanzija kienet intbagħet fil-*containers*.

Antonio Auguliaro ikkonferma illi l-merkanzija qatt ma waslet Malta u hu qatt ma raha. Sussegwentement, għall-ħabta tal-aħħar ta' Settembru 2016 hu kien mar il-Lebanon personalment flimkien mal-imputat għaliex kien qallu li l-merkanzija ma

---

[13] Dok. AA17, fol. 106, 107.

[14] Ara Dok. AA19, komplessivament.

setgħetx titlaq mil-Lebanon peress li xi ħadd irrapporta lill-kumpannija Nestle li l-merkanzija kienet misruqa u kienet maqbuda ġewwa maħżen. L-imputat qallu wkoll li l-merkanzija ġiet konfiskata mill-awtoritajiet, filwaqt li Hassan il-bejjiegħ ġie arrestat, iżda madanakollu, meta mar jivverifika ma' National Shipping, ħadd fil-kumpannija ma kien jaf bil-merkanzija u qalulu li qatt ma rċevew flejjes jew dokumenti relatati mal-ġarr tagħha. Minkejja dan, l-imputat baqa' jinsisti miegħu li kien bagħat l-merkanzija ma' din il-kumpannija u li l-merkanzija kienet għadha fil-maħżen fix-xatt. Għalhekk, huma ftiehmu li kif il-merkanzija tiġi rilaxxata l-imputat jerġa' jmur lura l-Lebanon spejjeż tiegħu biex jikri maħżen għall-merkanzija u jbiegħu *at cost price* biex iġibu lura talanqas l-ispejjeż li kienet ħarġet il-kumpannija Aurum Co. Limited u ftiehmu wkoll li l-imputat kellu jittrasferixxi l-flus tal-bejgħ lill-kont tal-kumpannija.

Antonio Auguliaro xehed illi minkejja dan il-ftehim, baqa' ma sema' xejn mingħand l-imputat wara li mar il-Lebanon u dan għal erba' xhur sħaħ, sakemm fl-aħħar għamillu mandat ta' sekwestru. Kien biss wara li għamillu dan il-mandat li l-imputat ġie lura mil-Lebanon. In segwitu, ġie konkluż bejniethom kostituzzjoni ta' debitu quddiem in-Nutar Reuben Debono iżda dan qatt ma ġie insinwat għaliex għalkemm dan kellu jsir a spejjeż tal-imputat, huwa baqa' qatt ma ħallas l-ispejjeż tal-insinwa. Antonio Auguliaro xehed finalment illi l-imputat kien infurmah li hu kien irnexxilu jbiegħ il-merkanzija izda baqa' qatt ma ġablu l-flus bir-riżultat li l-kumpannija Aurum Co. Limited spiċċat falliet minħabba li daħlet f'problemi mal-bank wara li l-kontijiet tagħha ntlaqtu minn diversi sekwestri wara li ma onoratx l-ordinjiet li kellha mingħand il-klienti tagħha għall-prodott. Minkejja dan kollu, huwa qal li jaħfer lill-imputat għal egħmilu iżda mhux tal-flus tal-kumpannija li huwa dawwar għalih bi ħsara tal-kumpannija.

**Kevin Camilleri**, rappreżentant ta' Western Union Business Solutions Malta Limited, xehed illi saru tliet transazzjonijiet b'kollox minn Antonio Auguliaro lil Michel Abou Haidar ġewwa l-Lebanon: waħda ta' $3,000, oħra fid-19 ta' Lulju 2016 fis-somma ta'

$8,000 f'kont il-Lebanon u trasferiment ieħor fl-20 ta' Lulju 2016 ta' $8,000 fl-istess kont[15].

**Oliver Azzopardi** xehed illi kien hu li introduċa l-imputat ma' Antonio Auguliaro in konnessjoni mal-joint venture li kellhom f'negozju ta' ħalib tat-trabi. Kien tela' miegħu Dubai biex jiltaqgħu mal-persuna li kien identifika l-istess imputat biex jagħmlu negozju miegħu, iżda raw li ma kienx affidabbli u spiċċaw niżlu Malta mingħajr suċċess. Qal ukoll li wara li għamel ftit riċerka, l-imputat sab il-prodott li riedu, ċioe' Nestle Nido Red Cap, ġewwa Lebanon u kien mar il-Lebanon waħdu. Oliver Azzopardi xehed illi hu mar il-Lebanon flimkien mal-imputat it-tieni darba fejn għamlu sebat ijiem, kollox a spejjeż tal-kumpannija Aurum Co. Limited. Ippreċiża li hu kien silef is-somma ta' €15,000 lill-kumpannija biex jiġi finanzjat dan in-negozju u l-ispejjeż bdew jitnaqqru minn hemm. Oliver Azzopardi xehed ukoll li peress illi mill-flus li kien ħareġ, il-kumpannija għaddiet lill-imputat f'idejh il-flus kontanti biex jitħallsu xi depożiti għax-xiri tal-prodott, hu ried jara l-prodott u kien għalhekk li mar Lebanon flimkien mal-imputat. Madanakollu, meta kienu qegħdin hemmhekk, inzerta li kien hemm xi erbat ijiem jew ħamest ijiem festa fejn il-ħwienet tal-Istat kienu magħluqin u l-post fejn kellu jkun dan il-prodott kien magħluq u spiċċa qatt ma ra l-prodott u għalhekk reġgħu niżlu Malta.

Oliver Azzopardi xehed ukoll li huwa jaf li sussegwentement, l-imputat reġa' mar il-Lebanon flimkien ma' Antonio Auguliaro u kienu damu madwar tliet ġimgħat hemmhekk iżda hu u Antonio kienu jikkuntattjaw lil xulxin regolarment u Antonio kien jgħidlu li kien hemm problemi min-naħa tal-persuna li kien biegħ il-prodott Nido lill-imputat. Antonio kien qallu li kien qed jipprova jiltaqa' ma' din il-persuna li kien innegozja miegħu l-imputat iżda kien hemm tgerfixa sħiħa u l-imputat kien qed jibagħtu minn naħa għal oħra. Qal ukoll li Antonio wkoll spiċċa qatt ma ra l-prodott u għalkemm kien qed jinsisti mal-imputat biex jiltaqa' mal-persuni involuti, inkluż ix-*shipper*, huwa baqa' qatt ma rnexxilu jiltaqa' ma' ħadd minnhom.

---

[15] Dok. KC1, fol. 207 sa 211.

Oliver Azzopardi xehed ukoll li hu jaf li l-imputat kien bagħat id-dokumenti tat-trasport tal-merkanzija b'numri tal-*containers* lil Antonio Auguliaro iżda jaf ukoll li minn verifiki li saru minn Antonio fir-rigward, irriżulta li dawk in-numri ma kienux jeżistu. Qal ukoll li l-imputat kien bagħtilhom ritratti meta kien il-Lebanon tal-prodott Nido kif ukoll tal-*containers*, iżda r-ritratti ma kienux ċari.

Żied jgħid illi l-imputat kien qallu li hemm erba' mitt kaxxa tal-prodott li kienu tħallsu mill-flus tad-depożitu u kemm hu u kif ukoll Antonio kienu insistew mal-imputat biex jara kif jagħmel biex jibagħthom lejn Malta. Oliver Azzopardi qal ukoll li dak iż-żmien, Antonio kien għarrfu li mill-ammont ta' €15,000 li huwa kien ħareġ għal dan in-negozju ma kien fadal xejn u li kellu jibda joħroġ flus għall-ispejjeż minn butu. L-imputat kien tahom data u rassigurahom li l-merkanzija ser titlaq mil-Lebanon u li ser tasal f'ġurnata partikolari. Madanakollu għalkemm l-imputat, li dak iż-żmien kien il-Lebanon, kien qallu wkoll li x-xogħol kien telaq, dan baqa' qatt ma wasal Malta. L-imputat kien qallu li minflok ġiet Malta, il-merkanzija intbagħtet it-Turkija.

Oliver Azzopardi kkonferma fix-xhieda tiegħu li huwa kien jaf li l-prodott Nestle Nido Red Cap ma setax jiġi importat fl-Ewropa għaliex dan kien spjegahulu Antonio, iżda huma ma riedux il-prodott biex jinbiegħ fuq is-suq Malti: dan ma kienx ser jidħol Malta iżda kien ser jibqa' l-Freeport ta' Malta biex imbagħad jibqa' sejjer il-Libja għaliex kien intiż għas-suq Libjan. Qal li kien jaf ukoll li dan il-prodott ma kienx ser jinxtara mingħand il-fabbrika tan-Nestle iżda mingħand persuna li tissupplixxi l-prodott għas-suq lokali fil-Lebanon u li kien qed jinxtara minn fuq l-idejn. Jiftakar ukoll li meta mar Lebanon flimkien mal-imputat huwa kien laqqgħu ma' persuna bl-isem Joseph li kien jafu l-imputat u li kellu ħanut tal-mobile phones, u kienu marru għandu minħabba li kien hemm bżonn li jinħareġ l-invoice biex il-kumpannija Aurum setgħet tibgħat il-flus il-Lebanon: dan għaliex il-persuna li mingħandha kien ser jinxtara l-ħalib ma kienx ħareġ *invoice*. Xehed ukoll li l-bank ma kienx aċċetta dan l-*invoice* u li Antonio kellu jibgħat xi flus lill-imputat permezz ta' Western Union. Jaf illi l-flus kienu waslu għand Mohammed, il-persuna li mingħandu nxtara mal-prodott,

għaliex l-imputat kien qallu hekk u jaf li l-imputat kien qal ukoll lil Antonio Auguliaro li l-flus huwa kien għaddihom lil Mohammed.

**L-imputat, Michel Abou Haidar**, irrilaxxa stqarrija meta ġie interrogat mill-Pulizija fit-8 ta' Marzu 2019[16]. Hu kkonferma li aċċetta li jidħol bħala sħab f'negozju flimkien ma' Antonio Auguliaro u Oliver Azzopardi, fil-bejgħ tal-prodott Nestle Red Cap li kellu jinxtara mingħand *supplier* fil-Lebanon. Qal li inizzjalment huwa kien mar Dubai flimkien ma' Oliver u hemmhekk iltaqgħu ma' ċertu Alaah li kien ġie identifikat minn Oliver u Antonio iżda n-negozju ma sarx għaliex għalkemm huwa kien tela' Dubai flimkien ma' Oliver Azzopardi u ltaqgħu mas-*supplier,* in-negozju baqa' ma sarx meta rriżulta li l-polza tal-karigu ma setgħetx issir għaliex il-prodott Nestle Nido Red Cap ma setax jidħol fl-Ewropa.

L-imputat stqarr illi sussegwentement fuq talba ta' Auguliaro huwa sab persuna ġewwa Lebanon, ċertu Mohammed, sub-aġent, u mar Lebanon minn flusu biex jiltaqa' miegħu u wrieh maħzen li fih kien hemm il-prodott li kien qed ifittex Auguliaro u ħa ritratti u bagħathomlu. Auguliaro huwa kkonferma li effettivament dak kien il-prodott li kien qed ifittex. Mohammed informahom li huwa kien ser iġemma' l-ammont ta' container fi żmien tliet ġimgħat jew xahar iżda ried jitħallas kontanti minn qabel u informahom ukoll li ma setax joħroġ invoice u ma kienx ser jinvolvi ruħu fl-arranġamenti dwar it-trasport. L-imputat stqarr ukoll li qabel mar għand Mohammed kien diġa' għamel kuntatt mal-aġent tal-prodott ġewwa l-Lebanon u kien informah li l-prodott seta' jinbiegħ biss ġewwa l-Lebanon.

L-imputat kompla jistqarr li meta mar lura Malta u informa b'dan kollu lil Auguliaro u lil Oliver Azzopardi, huwa ngħata struzzjonijiet biex jerġa' jmur il-Lebanon u jikkonkludi n-negozju ma' Mohammed – akkumpanjah Oliver Azzopardi u biex jiffrankaw lil Auguliaro, li kien ħallas il-biljett tal-ajru, l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni, qagħdu mal-ġenituri tal-imputat ġewwa l-Lebanon. Għalkemm il-prezz tal-bejgħ li ġie miftiehem ma' Mohammed kien ta' $119,000, Auguliaro seta' jibgħat biss

[16] Stqarrija fol. 7 sa 12.

€30,000 u informahom ukoll li ma setax jibgħat il-flus qabel ma jkollu f'idejh invoice minn xi ħadd fil-Lebanon. Dan l-invoice inħareġ minn xi ħadd li sabu, jismu Joseph, li jbiegħ l-electronics ġewwa Lebanon (Tekno Mobile). L-imputat qal li peress li Auguliaro ma kellux flus biżżejjed biex iħallas il-prezz kollu, kien ħareġ huwa stess id-differenza ta' €85,000, in parti minn butu u għall-bqija ħarġu l-flus xi familjari minn tiegħu. Reġa' tela' l-Lebanon u mbagħad mar Dubai biex jittrasferixxi l-flus mill-kont bankarju li kellu ġewwa Dubai, lill-kuġin tiegħu. Qal illi Auguliaro kien tah ukoll €6,000 f'kontanti biex iħallas il-VAT fuq l-invoice li ħareġ Joseph tat-Tekno Mobile iżda sadanittant, Joseph infurmah li l-bank ma kienx ser jaċċetta li jirċievi s-somma ta' €30,000 mingħand Auguliaro. Għalhekk, Auguliaro spiċċa bagħat il-flus permezz ta' transfer minn Western Union direttament lilu ġewwa Lebanon u l-imputat ikkonferma li huwa rċieva $8,000, $8,000 oħra u xi $3,000 b'żieda mal-ammont ta' €6,000 kontanti li diġa' kien għandu. Ikkonferma wkoll li dawn ħallashom lil Mohammed flimkien mal-ammont ta' $85,000 li ħareġ hu, b'kollox lil Mohammed ħallsu $120,000.

L-imputat qal li l-prodott li xtara mingħand Mohammed tpoġġa ġewwa maħżen f'Beirut biex minn hemmhekk, jitġħabba f'contanier u beda l-proċeduri biex jinħarġu d-dokumenti tax-*shipping* u tad-dwana u ħallas €6,000 lil Bessam Iboula, *shipper*, biex jibgħat kollox Malta permezz tal-kumpannija National Shipping u kien ibbukkja container ma' din il-kumpannija. Għalkemm Auguliaro aċċetta dan, kien qallu li kien ikun aħjar kieku l-prodott intbagħat permezz tal-kumpannija Express Trailers. Madanakollu, il-prodott qatt ma telaq mill-Lebanon għaliex Nestle ma ħallewx li dan jitlaq mill-pajjiż. Skont l-imputat "*in-negozju falla u ma stajniex inwasluh fejn Malta biex inbiegħuh*"[17].

Ftit wara reġa' mar il-Lebanon flimkien ma' Antonio, ħallas kollox Antonio iżda ma setgħu jagħmlu xejn għaliex il-merkanzija kienet miżmuma fil-port minħabba problemi ta' karti u għalhekk, peress li baqgħu bla risposta, huma ftiehmu li l-prodott jinbiegħ mill-imputat fil-Lebanon stess u l-imputat kien reġa' tela' l-Lebanon biex

---

[17] Fol. 11.

jagħmel l-arranġament għall-bejgħ. Hawnhekk kien biegħu lil ħwienet differenti bit-telf bil-prezz b'$68,000 għaliex il-prodott kien fadallu tliet xhur biss biex jiskadi. Stqarr li la Antonio u lanqas Oliver ma kienu raw il-prodott ġewwa l-Lebanon għaliex kien imwaħħal il-port u meta kien hemmhekk flimkien ma' Oliver, ma kienx għad kellhom il-flus biex iħallsu lil Mohammed. L-imputat stqarr li Antonio Auguliaro tah b'kollox €27,000[18] għal dan in-negozju iżda ma riedx jaqsam it-telf u għalhekk spiċċa ma ħallsu xejn lura mir-rikavat tal-bejgħ. Ikkonferma wkoll illi huwa ma għandu l-ebda dokumenti dwar in-negozju li għamel u għad għandu jagħti lil Aurum Limited fuq dan in-negozju iżda dwar dan hemm kawża ċivili pendenti.

**Michel Abou Haidar**, l-imputat, għażel ukoll li jixhed quddiem il-Qorti[19] u fix-xhieda tiegħu ta s-segwenti verżjoni li hija sostanzjalment differenti minn dik mistqarra minnu fl-istqarrija tiegħu.

Qal li n-negozju ma' Alah ġewwa Dubai ma sarx minħabba li ma ntlaħaqx ftehim fuq il-prezz għaliex Antonio Auguliaro ma aċċettax it-termini tal-ħlas li talab is-*supplier*. Xehed illi in segwitu, Antonio kien talbu biex jipprova jara jekk il-prodott Nestle Nido Red Cap setax jixtrih mil-Lebanon u għalhekk huwa kien ikkuntattja lil ħuh ġewwa l-Lebanon u eventwalment sablu aġent li seta' jipprovdi l-kwantita' li ried jixtri Antonio Auguliaro. Auguliaro talbu biex imur Lebanon biex jiltaqa' mal-aġent u hu hekk għamel u bagħtlu r-ritratti tal-prodott iżda ma kellux kwantita' biżżejjed u l-aġent bagħtu għand xi ħaddieħor li seta' jbiegħ dik il-kwantita' iżda fuq l-idejn, kuntrabandu għaliex il-prodott kien intiż għas-suq Lebaniż u ma setax jitlaq għall-Ewropa. Huwa mar għand il-persuna li indikalu l-aġent, ċertu wieħed Mohammed, li filwaqt li kkonferma li seta' jaqdih qallu li ma setax joħroġ karti u ried jitħallas biss f'kontanti. Hu minnufih informa lil Antonio Auguliaro b'dan kollu kif ukoll bir-riskju li l-merkanzija titwaqqaf fil-port u hu aċċetta li n-negozju jsir mingħajr dokumenti basta l-merkanzija toħroġ mil-Lebanon. Antonio kellu bżonn 1,400 kaxxa tal-prodott u ried

[18] USD24,000 permezz ta' erba' transfers tramite Western Union u €6,000 cash.
[19] Xhieda tas-6 ta' Ottubru 2021.

iħallas biss $55 il-kaxxa filwaqt li s-*supplier* kien qed jitlob il-prezz ta' $60 kull kaxxa.

Xehed ukoll li meta ġie lura Malta ikkonferma lil Antonio li huwa kien ra x-xogħol u reġa' wrieh ir-ritratti li kien diġa' bagħtlu meta kien il-Lebanon, ritratti li juru l-maħżen minn fejn xtara l-merkanzija u d-data tal-iskadenza tal-prodott (Dok. MAB1 sa MAB10). Antonio offrielu persentaġġ mill-qligħ fuq kull container u hu aċċetta. Imbagħad reġa' mar il-Lebanon ma' Oliver u qagħdu fid-dar tal-ġenituri tiegħu. Iltaqgħu mas-*supplier* Mohammed ġo kafetteria fejn ikkonferma quddiem Oliver li huwa ried jitħallas kontanti. Kellmu ma' Antonio biex jaraw kif ser isir il-ħlas tal-ammont ta' $93,000 għall-merkanzija, fejn Mohammed qal li m'għandux kont il-Lebanon u l-imputat qal li qabbad il-kuġin tiegħu biex joqgħod bħala garanti biex jinfetaħ kont bankarju f'ismu stess u bagħat in-numru tal-kont lil Antonio iżda l-bank ried *invoice* biex jaċċetta t-trasferiment tal-flus ġewwa l-kont. Minn hemmhekk, sab lil Joseph tat-Tekno li aċċetta li joħroġilhom riċevuta diment li jitħallas il-VAT tagħha. Antonio aċċetta li jaħdmu b'dan il-mod u fil-fatt huwa bagħat email lil Joseph fejn qallu kif irid li jsir l-invoice[20]. Madanakollu, l-invoice ma ġiex approvat mill-bank u l-flus ma ntbagħtux.

L-imputat xehed illi sadanittant, Antonio Auguliaro ċempel lil Oliver u qallu li t-terza persuna li kien ser jiffinanzja n-negozju ma riedx ikompli joħroġ flus u kien hemmhekk li Antonio staqsa lill-imputat jekk setax joħroġ flus hu biex in-negozju jkun jista' jsir. L-imputat xehed illi dan id-diskors sar fil-preżenza ta' Oliver u hu qal li kien sejjer jistaqsi lil xi familjari tiegħu biex jgħinuh jiġbor il-bqija tal-flus madwar sittin elf. Sab aġent, ċertu Mohammed, biex jittrasporta l-merkanzija mill-maħżen għall-port, jgħabbiha f'żewġ *containers* u jibagħtha lejn Malta u ħallsu $3,800[21] u dan fil-preżenza ta' Oliver. L-imputat xehed ukoll li għalkemm Oliver ma rax il-prodott fil-maħżen meta kien qiegħed il-Lebanon, huwa kien iltaqa' ma' Mohammed kif ukoll kienu marru fejn il-maħżen u ra t-trakkijiet qed jgħabbu l-prodott Nido.

[20] Dok. MAB11.
[21] Dok. MAB17 – dated 21.6.2017.

Qal ukoll li hu u Oliver għamlu spejjeż ta' madwar sitt elef Euro waqt li kienu l-Lebanon fosthom spejjez tal-*containers* u tat-trasport kif ukoll VAT u meta marru lura Malta, Antonio rifondihomlu kontanti u qallu wkoll li kien irranġa ma' Western Union biex jibagħtlu l-flus ftit ftit. Il-ftehim kien li Antonio jħallsu $30,000 u hu joħroġ $65,000 apparti jroddlu lura €6,000 tal-ispejjeż li kien ħallas. L-imputat xehed illi biex tkun tista' tiġi rilaxxata s-somma ta' $30,000 mill-bank tal-Lebanon Antonio Auguliaro ffirma skrittura datata 26 ta' Ġunju 2016 fejn iddikjara li ssellef mingħandu s-somma ta' €30,000[22]: l-imputat ikkonferma li huwa qatt ma silef flus lil Auguliaro iżda rċieva b'kollox erba' trasferimenti ta' flus mingħandu, tnejn tramite Western Union u tnejn fil-kont bankarju tiegħu. Xehed ukoll li huwa kellu ftit flus Dubai u ġibidhom minn hemmhekk, somma ta' $18,000, kif ukoll silfulu madwar €40,000 il-ġenituri tiegħu u bihom ħallas il-*containers* li kien għabbihom *shipper*, ċertu Ali, u hu kien informa b'dan lil Antonio u reġa' niżel lura Malta.

Mistoqsi għaliex ma kienx bagħat il-merkanzija bil-*containers* tramite l-kumpannija Express Trailers kif kien miftiehem ma' Antonio, l-imputat qal li meta mar għand l-aġent tal-Express Trailers ġewwa l-Lebanon, ġie infurmat li x-xogħol ma setax jintbagħat "*għax bla karti*". Meta informa b'dan lil Antonio qallu biex jaħdem max-*shipper* tiegħu li kien jaħdem ma' National Shipping. Xehed hekk fir-rigward: "*Meta morna għandhom tant dal-każ kien jaħraq u daħlu ħafna nies u arrestaw, hu ma qallux li aħna ma neżistux, qallu din il-kumpannija. Qallu imma ma nafu xejn għal dak il-contanier*"

Mistoqsi mbagħad dwar il-fatt li n-numru taż-żewġ *containers* ma kienux jeżistu, l-imputat qal li ma kienx jaf li Ali ix-*shipper,* kien ser ibiddel il-*containers* li fihom kienet tgħabbiet il-merkanzija wara li dawn kienu ġew trasportati mill-maħżen għall-port u hu kien diġa' laħaq bagħat in-numri tal-*containers* lil Antonio. Qabel qal li huwa bbukkja l-containers ma' National Shipping.

---

[22] Dok. MAB14.

Wara xi ġimgħa ċempillu Ali u qallu biex jerġa' jmur il-Lebanon għaliex kellu problema l-port: indunaw tan-Nestle u żammew il-merkanzija id-dwana. L-imputat xehed li hu informa lil Antonio u qallu li ser ikollu jerġa' jmur il-Lebanon. Meta wasal, Ali qallu li għalkemm fuq il-manifest id-destinazzjoni finali tal-merkanzija kienet il-Libja, meta marru rappreżentanti tan-Nestle u saru jafu li l-merkanzija kienet ordnata minn kumpannija Maltija u kienet ser tieqaf Malta, ma ħallewhiex titlaq mill-port u żammewha. Xehed ukoll li huwa mar il-port u hemmhekk tkellem mal-ispettur li qallu li l-prodott ma jistax jidħol l-Ewropa. L-imputat qal li ma għandux kopja tal-manifest għaliex iż-żewġ *containers* inżammu mid-dwana fil-port; xehed illi reġa' niżel Malta u wara li għaxart ijiem reġa' mar hemmhekk flimkien ma' Antonio u dak iż-żmien kien ġie arrestat ix-shipper Ali. Meta kienu fil-lukanda, mar spettur biex ikellimhom u lil Antonio qallu biex ma jidhrix hu għaliex jiġi arrestat u ma joħroġx mil-Lebanon. L-imputat kompla jgħid li minn hemmhekk marru joqogħdu għand il-ġenituri tiegħu u damu xahar hemmhekk jipprovaw jagħmlu arranġamenti biex il-merkanzija tiġi rilaxxata u fl-aħħar kienu ħallsu xi flus lil xi ħadd mid-dwana u l-merkanzija ħarġet mill-port. Hemmhekk, Antonio qallu biex ibiegħ il-merkanzija l-Lebanon stess basta jirrifondu l-flus lill-bank, u qallu wkoll biex ma jgħid xejn lil Oliver. Ikkonferma iżda, li Antonio baqa' qatt ma ra l-merkanzija waqt li kien il-Lebanon għaliex kienet miżmuma mid-dwana.

L-imputat xehed ukoll li minn hemmhekk huwa daħħal il-merkanzija ġo maħzen li hemm fir-raħal tiegħu u l-kuġini tiegħu bdew ibiegħuha lill-ħwienet iż-żgħar, supermarkets u spizeriji, iżda mingħajr karti. Hu niżel lura Malta flimkien ma' Antonio iżda reġa' mar lura Lebanon wara ġimagħtejn jew tliet ġimgħat biex jara lil missieru li kien marid bil-kanċer u fil-fatt missieru miet meta huwa kien għadu l-Lebanon ibiegħ il-merkanzija. Qal li dam hemmhekk xaharejn jew tliet xhur u dak iż-żmien kien "*ġie xi ħadd ħa container f'daqqa waħda*". Xehed ukoll li l-merkanzija kellha tinbiegħ bit-telf - $30 minflok $55 il-kaxxa - biex tinbiegħ malajr anke għaliex kienet waslet biex tiskadi u qal lil Antonio li mir-rikavat tal-bejgħ kien ser jirrifondilu l-flus li kien ħareġ mill-bank filwaqt li huwa jħallas lura lill-familjari tiegħu li kienu ħarġu l-flus.

Waqt li kien għadu l-Lebanon, sar jaf li Antonio kien fetaħlu kawża ċivili u kien ħareġ ukoll mandati fil-konfront tiegħu għaliex riedu jħallas €75,000 b'kollox. L-imputat meta ġie mistoqsi mill-Qorti x'għamel bir-rikavat tal-bejgħ tal-prodott, qal li huwa ħallas lura lill-persuni li kienu ħarġu l-flus filwaqt li huwa tilef il-flus li kien ħareġ mill-kont tiegħu. Qal ukoll li l-flus li fadal mill-bejgħ li ma riedx jaċċettahom Antonio, baqgħu għandu l-Lebanon, ċioe' ċirka $36,600[23].

L-imputat xehed ukoll li huwa ffirma l-kostituzzjoni ta' debitu għand in-Nutar Reuben Debono għaliex kien magħfus minħabba li Antonio kien issekwestra l-karozza ta' ibnu u ma felaħx jara lil ibnu jibki l-ħin kollu u Antonio kien qallu li jkun lest jirrilaxxa l-karozza jekk jiffirma l-kostituzzjoni tad-debitu, kif fil-fatt ġara. Ammetta li żbalja meta ffirma dak il-kuntratt u qal ukoll li ma kienx assistit legalment quddiem in-Nutar.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti dehrilha li kellha tirriproduċi s-sostanza tad-depożizzjonijiet tal-persuni li xehdu f'din il-kawża bl-irqaqat kollha, għaliex fehmet illi d-determinazzjoni tal-ħtija o meno tal-akkużat għar-reati addebitati lilu, tistrieħ b'mod sostanzjali fuq stħarriġ dwar l-element ta' kredibbilita' tal-verżjoni tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni fuq naħa waħda u l-verżjonijiet tal-imputat fuq in-naħa l-oħra.

Essenzjalment hija l-verżjoni tal-Prosekuzzjoni li l-imputat mhux veru li xtara kwantita' tal-prodott Nestle Nido Red Cap fil-Lebanon u organizza t-trasport tiegħu lejn Malta iżda minflok, ħoloq *mis-en-scene* biex jikkonvinċi lill-kumpannija biex tgħaddilu flus għall-akkwist tal-prodott u għat-trasport tal-merkanzija lejn Malta, meta din il-merkanzija mhux biss ħadd mis-sħab l-oħra f'dan in-negozju ma rnexxilu jaraha, iżda qatt ma waslet Malta u lanqas waslu l-flus mir-rikavat tal-bejgħ tal-prodott ġewwa l-Lebanon da parti tal-imputat. Il-Prosekuzzjoni targumenta li b'hekk, l-imputat ikkommetta r-reat ta' truffa, għaliex kiseb il-ħlas ta' flus mingħand il-

[23] Jiġi osservat illi fl-istqarrija tiegħu l-imputat qal li r-rikavat totali mill-bejgħ tal-merkanzija kien ta' USD68,000.

kumpannija biex tħallas għall-akkwist u trasport lejn Malta ta' merkanzija li ma ntużatx għal dan l-iskop minħabba li l-merkanzija qatt ma ġiet effettivament akkwistata.

Dan ifisser li l-Qorti, li għandha quddiemha żewġ akkużi ta' frodi u akkuża ta' misapproprjazzjoni, trid tistabbilixxi primarjament jekk f'xi waqt matul dan in-negozju li ġie inkarigat iwettaq għan-nom u għall-benefiċċju tal-kumpannija Aurum Co. Limited, l-imputat mexiex b'qerq għad-dannu tal-kumpannija. Irid jiġi stabbilit ukoll okkorrendo, jekk l-imputat użax il-flus li għaddietlu l-kumpannija għall-iskop li tħallsu lilu, liema skop il-Prosekizzjoni ssostni kien il-ħlas tal-prezz għall-akkwist tal-prodott u l-ħlas tal-ispejjeż meħtieġa għat-trasport tiegħu lejn Malta.

Tibda biex tosserva li mhux kontestat illi l-imputat ġie inkarigat biex għan-nom tal-kumpannija Aurum Co. Limited, jidentifika *supplier* għall-fornitura ta' ħalib tat-trabi bl-isem Nestle Nido Plus One Red Cap mir-reġjun tal-Lvant Nofsani u jakkwista dan il-prodott fil-kwantitajiet meħtieġa u bil-flus li tgħaddilu l-kumpannija għal dak l-iskop. Hemm qbil ukoll li għalkemm il-prodott in kwistjoni ma setax jiġi importat jew mibjugħ fl-Ewropa, dan kien intiż għas-suq Libjan u mhux is-suq Malti jew Ewropew u ma kienx ser jiddaħħal jew jinbiegħ f'Malta.

Il-Qorti tqis li mill-provi jirriżulta li l-ħsieb tal-kumpannija Aurum Co. Limited kien li l-prodott jintbagħat mil-Lebanon b'*transhipment* lejn Malta għar-ri-esportazzjoni ġewwa l-Libja biex jinbiegħ fuq is-suq Libjan. Jekk il-prodott setax jintbagħat lejn Malta għall-fini biss ta' *transhipment*, m'hijiex daqstant relevanti għaliex dak li jinsab fil-qofol tal-istħarriġ tal-Qorti huwa tabilħaqq l-eżistenza o meno tan-negozju li l-imputat qal li għamel ġewwa l-Lebanon u d-determinazzjoni ta' jekk dak kollu li l-imputat iddikjara u wera lil Antonio Auguliaro u Oliver Azzopardi kienx kollu falz jew inezistenti, intiż biex iġiegħelhom jemmnu li kien seħħ in-negozju li għalih għaddewlu l-flus. Okkorrendo mbagħad, il-Qorti trid imbagħad tgħaddi biex tanalizza jekk ġewx ippruvati l-elementi tar-reat ta' frodi jew misapproprjazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi għall-finijiet tal-ewwel tliet akkużi, ikun opportun li jiġi stabbilit qabel xejn x'inhuma l-elementi li jsawru r-reati taħt l-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, sabiex imbagħad jigi determinat jekk dawn isibux riskontru fil-fattispeċje tal-każ odjern. Jinsab ritenut illi fil-kriminalizzazzjoni tal-kondotta ravviżata f'dawn id-dispożizzjonijiet legali, il-leġislatur qed jittutela speċifikatament, iktar mill-interess pubbliku fil-fiduċja reċiproka fir-rapporti patrimonjali individwali, l-interess pubbliku li jiġi vjetat l-użu tal-ingann li jinduċi bniedem jiddisponi minn ġid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jagħmel[24].

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra**[25] ġie affermat illi:-

*"Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm* ***ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkommetti ir-reat u il-vittma****. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe'* ***l-uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali****. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti* ***fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu****. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti.* [emfasi ta' din il-Qorti]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Fountain et**[26] ġie ritenut hekk in propositu tal-element tal-ingann meħtieġ għal entrambi reati prospettati mill-Artikolu 308 u 309 tal-Kap. 9:-

---

[24] **Il-Pulizija v. Marjanu Zahra** deċiża mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-2 ta' Marzu, 2011.
[25] *Supra*.
[26] Deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fil-15 ta' Dicembru, 2011 (Numru: 688/2009)

*"Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata* ***irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qliegh ghall-agent*** *... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis-en-scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).*[27]

Kwantu, speċifikatament, l-element formali tar-reat, ingħad:

"*.... illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li* ***s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-leġittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo***."[28] (emfasi ta' din il-Qorti)

Illi dak li jikkostitwixxi "*raġġiri*" u "*artifizji*" li huma meħtieġa għar-reat ta' truffa, ukoll huwa ben stabbilit. Fi kliem Antolisei[29]:-

*"... artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta` effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu` precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera*."

---

[27] Emfasi ta' din il-Qorti.

[28] **Ara Il-Pulizija v. Charles Abela**, deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fis-6 ta' Lulju 2016, li fiha ċitat eżawrjentement mis-sentenza **Il-Pulizija v. Marjanu Zahra**, *op cit*.

[29] Manuale Di Diritto Penale Parte Speciale I (Giuffre) pagna 356.

Ġie ritenut illi m'huwiex biżżejjed għall-finijiet tar-reat ta' truffa, "*affermazzjonijiet, lużingi u promessi*", mingħajr l-użu ta' apparat estern li jsaħħaħ il-kredibbilita' tal-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur għalkemm jinsab ritenut li r-raġġiri jew artifizzji li jigu impjegati mill-aġent tar-reat, m'għandhomx għalfejn ikunu "… *xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet'*.[30] Kemm hu hekk, l-Antolisei huwa tal-fehma li:-

*"… nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che* ***anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa****.*"[31] [emfasi tal-Qorti]

Imbagħad, in kwantu għar-reat taħt l-Artikolu 309 tal-Kap. 9, dan jistipola li huwa ħati tar-reat ta' qligħ b'qerq kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq mhux imsemmi fl-artikoli preċedenti. Huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħħa li d-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u r-reat minuri ta' frodi innominata hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-aġent. L-elementi tan-ness bejn l-aġent tal-frodi u l-vittma, l-użu ta' ingann li jwassal lill-vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali u l-intenzjoni tal-frodatur li jinganna biex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu, huma lkoll meħtieġa għaż-żewġ reati u huma biss il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominata.

L-elementi meħtieġa għar-reita' taħt l-Artikolu 309 ġew imfissrin hekk:-

"*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-*suggett *passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza* ***Il-***

[30] **Pulizija vs Emanuel Ellul** deciza 20 ta' Gunju 1997.
[31] Antolisei *op cit.* P. 357.

***Pulizja vs Carmela German*** *(Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): "Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra*."

Ikkunsidrat;

Applikat l-insenjament in materja għal dan il-każ, il-Qorti tibda biex tosserva li huwa faċilment identifikabbli mill-provi n-ness li jeżisti bejn l-imputat fuq naħa waħda u l-kumpannija Aurum Co. Limited rappreżentata minn Antonio Auguliaro fuq in-naħa l-oħra u dan għaliex kif stabbilit, l-imputat ġie inkarigat mill-istess kumpannija biex jaġixxi ta' intermedjarju fin-negozju għall-akkwist u esportazzjoni tal-prodott Nestle Nido: in-negozju li jinsab fil-mira tal-akkużi dwar ir-reat ta' frodi u misapproprjazzjoni.

Fl-analiżi tagħha dwar jekk l-imputat użax mezzi frawdolenti li induċew lill-kumpannija, bħala l-parti leża, issofri telf patrimonjali bi qligħ korrispondenti għall-istess imputat, il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Hija t-teżi tal-Prosekuzzjoni hi li l-imputat inganna bil-kumpannija meta huwa ddikjara li xtara l-prodott f'kwantita' ta' kemm jiswa $119,000, ħallas għat-trasport tiegħu mill-maħżen għall-port ta' Beirut u ħallas ukoll għall-ġarr tal-merkanzija bil-baħar lejn Malta.

Mill-provi hu stabbilit li l-imputat kien identifika huwa stess *supplier* ġewwa l-Lebanon bl-isem Mohammed li kellu l-prodott imfittex mill-kumpannija. Jirriżulta wkoll li l-imputat għarraf lil sħabu fin-negozju li dan is-*supplier* ried jitħallas

f'kontanti u mhux abbażi ta' *invoice*. Antonio Auguliaro u Oliver Azzopardi, aċċettaw li jinnegozjaw il-bejgħ abbażi ta' dawn il-kundizzjonijiet li wasslilhom l-imputat u dwar dan m'hemmx kontestazzjoni. Kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mid-difiża fit-trattazzjoni, il-verżjoni ta' Antonio Auguliaro hija konsistenti kif ukoll korroborata pjenament minn Oliver Azzopardi: dawn ix-xiehda entrambi kkonfermaw li wara illi l-imputat kien qalilhom li identifika *supplier* tal-prodott fil-Lebanon, huwa kien ingħata f'idejh ammont ta' flus kontanti, ċirka €6,000, biex imur il-Lebanon u jagħmel l-arranġamenti għall-akkwist u trasport tal-merkanzija, kif ukoll irċieva sussegwentement fil-kont tiegħu ġewwa l-Lebanon, ammonti oħrajn mingħand il-kumpannija biex effettivament iħallas il-prezz għall-akkwist u trasport ta' din il-merkanzija lejn Malta. Huma xehdu wkoll li l-merkanzija li suppost xtara l-imputat, qatt ma waslet Malta minkejja r-rassigurazzjonijiet tiegħu li din kienet inxtrat mingħand is-*supplier*, li ġiet mgħobbija f'żewġ *containers* u li ntbagħtet lejn Malta.

Jikkonfermaw speċifikatament li din il-merkanzija huma qatt ma rnexxielhom jarawha b'għajnejhom minkejja li (i) Oliver Azzopardi kien mar il-Lebanon proprju biex jassigura ruħu li l-merkanzija effettivament inxtrat u teżisti u li nġarret mingħand is-*supplier* għal ġo maħżen ix-xatt biex tintbagħat lejn Malta, u minkejja wkoll li (ii) Antonio Auguliaro wkoll kien mar il-Lebanon flimkien mal-imputat biex jivverifika x'kien seħħ wara li l-imputat kien qallu li l-merkanzija ma waslitx Malta għaliex kienet ġiet konfiskata mill-awtoritajiet[32].

Fir-rigward, il-Qorti tosserva li l-imputat xehed li għalkemm Oliver ma rax il-prodott fil-maħżen meta kien qiegħed il-Lebanon, huwa kien iltaqa' ma' Mohammed kif ukoll kienu marru fejn il-maħżen u ra t-trakkijiet qed jgħabbu l-prodott Nido. Iżda dan hu miċħud minn Oliver Azzopardi li xehed illi minkejja li huwa insista mal-imputat biex jara l-prodott, qatt ma ltaqa' ma' Mohammed is-*supplier* u meta kienu marru l-maħżen biex jaraw il-prodott, dan kien magħluq għaliex kien hemm tliet ijiem festa[33].

[32] Lil Oliver Azzopardi, l-imputat kien qallu li minflok ġiet Malta, il-merkanzija intbagħtet it-Turkija.

[33] Xhieda in kontro-eżami Oliver Azzopardi, 14 ta' Jannar 2021, ara paġna 16 u 17 tax-xhieda. Oliver Azzopardi kkonferma wkoll li huwa jaf li l-flus tal-kumpannija ġew mgħoddija lil Mohammed, biss għaliex qallu hekk l-

Imbagħad, Antonio Auguliaro xehed li meta niżel lura Malta wara tliet ġimgħat fejn ma rnexxilux jara l-merkanzija u lanqas irnexxilu jagħmel il-verifiki dwar l-arranġamenti li support saru għat-trasport tagħha lejn Malta, huwa kien ftiehem mal-imputat li kellu jerġa' jmur lura l-Lebanon spejjeż tiegħu biex jikri maħżen għall-merkanzija u jbiegħ il-prodott *at cost price* biex jitħallsu lura talanqas l-ispejjeż li kienet ħarġet il-kumpannija. Madanakollu, baqa' ma sema' xejn mingħand l-imputat għal erba' xhur sħaħ sakemm fl-aħħar għamillu mandat ta' sekwestru iżda xorta waħda baqa' qatt ma rċieva lura l-ebda ammont mingħand l-imputat.

L-imputat jaqbel li effettivament, la Antonio Auguliaro u lanqas Oliver Azzopardi qatt ma raw il-merkanzija u li din qatt ma waslet Malta u meta xehed quddiem il-Qorti, huwa ta verżjoni kumplessa dwar negozju illegali u ta' kuntrabandu: verżjoni li madanakollu, tikkozza mhux biss mal-verżjoni konsistenti tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni iżda wkoll u m'mod iktar pależi, mal-verżjoni rilaxxata mill-imputat innifsu fl-istqarrija tiegħu.

Il-Qorti bla tlaqliq tgħid li hija ma temminx lill-imputat u wara li rat il-provi u x-xhieda, il-Qorti m'hiijiex sodisfatta li l-imputat effettivament ikkonkluda n-negozju ġewwa l-Lebanon għax-xiri tal-prodott li riedet tixtri l-kumpannija. Għall-kuntrarju, hija konvinta li l-imputat gideb lis-sħab tiegħu fin-negozju meta qalilhom li huwa ħallas depożitu fuq il-merkanzija u għat-trasport tagħha lejn ix-xatt u li għamel l-arranġamenti ma' *shippers* u *freight forwarders* biex din tintbagħat lejn Malta. Hija wkoll tal-fehma li d-dokumenti li huwa bagħatilhom kienu intiżi biss biex ikomplu jqarrqu u jagħtu sostenn lil din il-ħrafa bl-iskop li huwa jirċievi mingħand il-kumpannija l-flus għall-ħlas tal-kumplament tal-prezz tal-merkanzija u l-ispejjeż għat-trasport.

---

imputat (ara paġna 20 tax-xhieda). Hu qal li kien iltaqa' ma' Joseph tal-mobile phones u mhux mas-supplier Mohammed.

Din il-konklużjoni l-Qorti waslet għaliha mhux biss għaliex din il-merkanzija fantażma ħadd qatt ma raha u qatt ma waslet Malta u jirriżulta li teżisti biss f'ritratti sfukati u ferm ekwivoċi li l-imputat kien bagħat lil Antonio Auguliaro, iżda wkoll għaliex huwa ppruvat li l-imputat gideb dwar l-arranġamenti li qal li għamel mal-*freight forwarder* u l-ħlas tal-ispejjeż għat-trasport bil-baħar tal-merkanzija. Konklużjoni li hija rinforzata ulterjorment fl-isfond tal-inkonsistenzi u kontradizzjonijiet skjaċċanti fil-verżjoni tal-imputat kif ukoll abbażi tas-segwenti konsiderazzjonijiet.

Mill-provi jirriżulta li l-kumpannija Aurum Co. Limited trasferixxiet lill-imputat ġewwa l-Lebanon is-somma totali ta' $19,000 permezz ta' Western Union fi tliet transazzjonijiet separati bl-aħħar waħda sseħħ fl-20 ta' Lulju 2016. Mhuwiex kontestat li l-imputat effettivament irċieva dawn il-fondi u li kien irċieva wkoll qabel, is-somma ta' €6,000 f'kontanti. Kemm Antonio Auguliaro u kif ukoll Oliver Azzopardi kkonfermaw fix-xhieda tagħhom li din is-somma ngħatat f'idejn l-imputat qabel mar il-Lebanon l-ewwel darba biex jara l-prodott għand is-*supplier* Mohammed. Huma jaqblu wkoll li din is-somma ta' €6,000 kienu intiżi għall-ħlas ta' depożitu lis-*supplier* u wkoll għall-ħlas tal-ispejjeż ta' trasport tal-merkanzija u spejjeż oħrajn.

Il-Qorti tosserva li mill-provi jirriżulta li l-prezz totali għall-kwantita' tal-merkanzija li kellha tinxtara mingħand is-*supplier* ġewwa l-Lebanon kien ta' ċirka $119,000 bil-prezz ta' $60 il-kaxxa. Għalkemm, kif rajna, mix-xhieda jirriżulta li l-kumpannija għaddiet lill-imputat somma ta' €6,000 fi flus kontanti biex minnha jitħallas depożitu lis-*supplier* f'Ġunju 2016, hu ovvju li l-prodott ma setax jinxtara u jiġi rilaxxat mis-*supplier* f'dak l-istadju, talanqas fil-kwantita' sħiħa li kienet tesiġi l-kumpannija, qabel saru l-bqija tat-trasferimenti tal-flus lill-imputat permezz tal-kumpannija Western Union biex dawn jitħallas lis-*supplier*. Hekk kien stqarr ukoll l-imputat innifsu fl-istqarrija tiegħu. Hemm qbil illi minħabba d-diffikolatjiet, għal raġuni jew oħra, fit-trasferiment tal-prezz kollu mill-kumpannija, hija rnexxileha tgħaddi lill-imputat is-somma komplessiva ta' ċirka €25,000 filwaqt li l-imputat kellu joħroġ l-kumplament tal-prezz tal-merkanzija minn kont bankarju li huwa kellu d-Dubai.

Fir-rigward, l-imputat xehed illi huwa ħareġ ċirka $18,000 mill-kont bankarju tiegħu u l-membri tal-familja tiegħu kkontribwixxew $40,000 oħra, iżda l-Qorti tinnota li fl-istqarrija tiegħu l-imputat qal li b'kollox hu u l-qraba tiegħu ħarġu s-somma ta' €85,000 biex spiċċa ħallas lis-*supplier* is-somma komplessiva ta' ċirka $120,000 biex jixtri l-merkanzija. F'kull każ, il-Qorti tistenna illi meta l-imputat jaqbel li kien irċieva ammont sostanzjali ta' flus mill-kumpannija għall-akkwist ta' prodott, kien jieħu ħsieb li jipprokura mqar dikjarazzjoni informali mingħand is-*supplier* li rċieva l-ammont rappreżentanti l-prezz tal-prodott supplit. L-istess kwantu għall-flus li qal li ħallas lix-*shipper* biex isiru l-arranġamenti għall-ġarr tal-merkanzija lejn Malta. Iżda l-imputat mhux biss baqa' qatt ma pprovda riċevuta[34] b'rabta mal-ħlas lis-*supplier* tal-prezz kollu tal-merkanzija, iżda qatt ma pproduċa xi ħjiel tal-prova in sostenn tal-fatt li huwa effettivament ħareġ minn butu jew but il-familjari tiegħu, dan il-kumplament tal-prezz.

Għandu jingħad ukoll li kieku huwa minnu li l-imputat ħareġ ammont ta' flus minn kont bankarju tiegħu, kellha tkun l-iktar ħaġa faċli għalih jipprovdi lill-kumpannija evidenza dokumentarja fir-rigward. Antonio Auguliaro esebixxa d-dokumenti kollha li għaddielu l-imputat fir-rigward ta' dan in-negozju u m'hemmx fosthom dokumenti li juru li huwa ġibed flus minn xi kont bankarju tiegħu[35]. In kwantu għall-flus li l-imputat qal li rċieva mingħand xi qraba tiegħu biex jgħaqqad il-prezz kollu dovut lis-*supplier* tal-merkanzija, dan ukoll kellu jkun faċilment evidenzjat bix-xhieda ta' dawn il-familjari jew xi ħadd minnhom jew alternattivament, b'xi skrittura jew dokument ieħor li juri li dan il-flus għaddewh lill-imputat għall-fini ta' dan in-negozju.

Huwa minnu li l-imputat mhu tenut jipprova xejn, iżda l-Qorti tinsab perplessa kif, minkejja li l-imputat ġie rinfaċċjat b'akkużi li ħalaq messa in xena biex jinganna lill-kumpannija Aurum Limited tibagħtlu flus għax-xiri tal-merkanzija, ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni fis-sottomissjonijiet f'din il-kawża, dwar ir-raġuni għaliex l-imputat ma

---

[34] Apparti r-riċevuta fis-somma ta' USD1,400.

[35] Auguliaro xehed li l-imputat kien qallu li nesa d-dokumenti warajh fil-Lebanon.

pprovdiex dawn id-dokumenti lill-kumpannija jew għaliex ma ġewx prodotti fl-atti proċesswali dokumenti jew provi fondamentali li juru b'mod oġġettiv li huwa ħareġ il-flus u li b'dan il-flus jew talanqas bil-flus li ħarġet il-kumpannija, inxtrat il-merkanzija.

Għalkemm verament ġew esebiti fl-atti r-ritratti li ntbagħtu mill-imputat lil Antonio Auguliaro tal-merkanzija ġewwa maħżen, mix-xhieda jirriżulta li dawn ittieħdu qabel effettivament inxtara l-prodott[36]. Huwa wkoll evidenti li dawn ir-ritratti ma juru l-ebda rabta kwalsiasi bejn il-prodott u l-persuna jew azjenda li skont l-imputat huwa xtara mingħandu.

Kif rajna, hija wkoll it-teżi tal-Prosekuzzjoni li din il-merkanzija b'valur ta' $119,000 mhux biss ma nxtratx iżda ma teżistix u d-dikjarazzjoni tal-imputat li din ġiet trasportata lejn il-port biex tinġarr lejn Malta tramite National Shipping Company, sopportata mid-dokumenti li huwa bagħat lil Antonio Auguliaro fir-rigward[37], tikkostitwixxi *mis-en-scene* maħsuba biex tkompli tagħti fejda lil dan in-negozju ineżistenti.

Hawnhekk issir referenza għad-dokumenti esebiti minn Antonio Auguliaro konsistenti fil-korrispondenza li huwa skambja mal-kumpanniji Maersk Line u National Shipping Company Limited fejn, b'risposta għat-talbiet frantiċi tiegħu biex jingħata informazzjoni dwar il-*containers* li l-imputat kien insista miegħu li intbagħtu lejn Malta bil-merkanzija minn Maersk Line, ġie mgħarraf n-numri taż-żewġ *containers* m'huma reġistrati mkien. Dan minkejja l-imputat insista fl-istqarrija tiegħu "*Jien kont ibbukkjajt il-containers ma' National Shipping Company*". Wara li ġie infurmat ukoll li l-merkanzija ma setgħetx ġiet forwarded ma' Maesrk Line għaliex ir-rotta bejn

---

[36] Ara xhieda ta' Oliver Azzopardi kif ukoll stqarrija tal-imputat.
[37] Dok. AA17.

Lebanon u Malta tinħadem minn Sea Go Line, jirriżulta li l-kumpannija tal-aħħar ukoll ċaħdet li kienet inkarigat tibgħat dawn il-*containers* lejn Malta[38].

Sinjifikanti l-fatt illi mix-xhieda tiegħu u mid-dokumenti relevanti esebiti fl-atti, jirriżulta li Antonio Auguliaro kien preokkupat bil-fatt li huwa ma kienx ingħata l-manifest tal-merkanzija, tant illi huwa kien espressament għarraf lil dawn iż-żewġ kumpanniji appena msemmija, bil-fatt li huwa ma kellu l-ebda dokument dwar it-tagħbija tal-merkanzija għall-fini ta' *freight forwarding* u talabhom kopja tal-*bill of lading* u dokumenti relatati biex jikkonferma li effettivament il-merkanzija kienet intbagħtet lejn Malta[39]. Il-Qorti tistenna li kieku verament dan in-negozju kien wieħed illegali li jikkonċerna merkanzija kuntrabandu kif sostna l-imputat fix-xhieda tiegħu, u kieku dan kien jafu Antonio Auguliaro, ma kienx jikkorrispondi b'dan il-mod mal-*freight forwarders* u *shipping lines* ġewwa l-Lebanon. L-istess jgħodd għad-dokument datat 3 ta' Awwissu 2016[40] li jidher li nħareġ minn "Nestle Lebanon" u li evidentement jagħmel referenza għall-prodott Nestle Red Tap u għall-kumpannija Aurum Co. Ltd. Malta: dan ikompli jxejjen it-teżi tiegħu li l-prodott in kwistjoni ma setax jinxtara ħlief "*minn fuq l-idejn*" u "*bil-kuntrabandu*"[41].

Fl-isfond ta' din ix-xhieda konfużjonarja u fin-nuqqas ta' mqar dokument wieħed li jagħti fejda lin-narrattiva tal-imputat dak iż-żmien li huwa kien assigura li l-merkanzija tgħabbiet fuq żewġ *containers* mal-Maersk Line, huwa impossibbli li tingħata affidabbilita' lill-verżjoni tiegħu. Id-dokumenti Dok. AA17[42] ma jagħmlu l-ebda referenza għall-merkanzija Nestle Nido u lanqas jistgħu jitqiesu bħala evidenza li effettivament il-*containers* ġew reġistrati ma' National Shipping Company. Għall-kuntrarju, il-Qorti tqis li dawn id-dokumenti ntbagħtu lil Antonio Auguliaro b'indikazzjoni qarrieqa tan-numri tal-*containers* kienu maħsuba biex iġiegħlu lill-kwerelant jemmen li huwa kien bagħat il-merkanzija u b'hekk iwasslu biex jemmen

---

[38] Huwa minnu li l-imputat indika lil Auguliaro ismijiet ta' persuni (Faisal Ansari u Chlela) li jirriżulta li kienu effettivament jaħdmu ma' Maersk Line, ħadd minnhom ma kkonferma li din il-merkanzija kienet ġiet reġistrata mal-kumpannija.

[39] Ara Dok. AA19, dokumenti minn fol. 128 sa 140.

[40] Fol. 78.

[41] Nota ta' sottomissjonijiet tad-difiża.

[42] Fol. 106 u 107.

fin-negozju li kien qed jiġi mistenni minnu, ċioe' li l-merkanzija kienet inxtrat u kienet fi triqitha lejn Malta. F'dan, il-Qorti tirravviża apparat estern imħaddem mill-imputat biex ikompli jqarraq b'Antonio Auguliaro[43].

Jiġi osservat illi **t-traċċi u sinjali tal-merkanzija li dehru fir-ritratti li l-imputat kien bagħat fil-bidu, jidher li għebu kompletament wara li l-merkanzija suppost inxtrat mingħand is-*supplier* u telqet mill-maħżen tiegħu** u ma jirriżulta minn imkien, ħlief minn ritratti ekwivoċi ta' maħżen fejn ma jidher l-ebda rabta konkreta mal-prodott, li l-prodott ġie mgħobbi f'*containers* u wasal ix-xatt, kif ukoll li ġie proċessat minn xi kumpannija tal-ġarr tal-merkanzija bil-baħar biex tintbagħat lejn Malta. Kemm hu hekk, hu ppruvat li l-merkanzija qatt ma waslet Malta u meta Antonio Auguliaro mar il-Lebanon flimkien mal-imputat meta qallu li l-merkanzija kienet inżammet milli titlaq mill-port u ġiet konfiskata mill-awtoritajiet, huwa qatt ma rnexxielu jara l-merkanzija minkejja l-fatt li dam hemmhekk xejn inqas minn tliet ġimgħat. Fil-fatt, huwa xehed, b'mod mhux kontradett, illi waqt li kien il-Lebanon ipprova jagħmel kuntatt mal-persuni li skont l-imputat kienu involuti fil-bejgħ u l-ġarr tal-merkanzija iżda l-imputat infurmah li s-*supplier* kien arrestat filwaqt li Muhammed El Baxa li kellu l-maħżen fil-port fejn suppost il-merkanzija kienet ġiet maħżuna, kien maħrub fil-muntanji. Xehed ukoll li meta talab lill-imputat biex ikellem l-ispettur dwar il-konfiska tal-merkanzija, l-imputat qallu li ma kellux ċans jitlaqa' miegħu u għarrfu wkoll li peress li huwa mhux Lebaniż ma setax jidħol il-port biex jara fejn kienet qed tinżamm il-merkanzija.

Jiġi osservat li l-imputat qatt ma ċaħad din il-verżjoni ta' Antonio Auguliaro u minflok, fix-xhieda tiegħu għamel emfasi kontinwa fuq l-element ta' illegalita' tan-negozju u l-konsegwenzi legali li din kellha fuq il-persuni involuti ġewwa l-Lebanon, mingħajr iżda, ma kien kapaċi jipproduċi mqar dokument jew xhud wieħed li jikkonforta din il-verżjoni fantastika tiegħu dwar il-konfiska tal-merkanzija u mingħajr lanqas kien kapaċi jkun konsistenti fl-iktar partikolaritajiet bażiċi tal-

[43] Hawnhekk il-Qorti tinnota wkoll li n-numri tal-containers li l-imputat indikat fid-dokument AA17, fol. 116 lanqas jaqblu man-numri tal-containers li jidhru fir-ritratti li ntbagħatu mill-imputat lil Antonio Auguliaro qabel dawn suppost waslu l-port – Dok. AA18, fol. 124.

verżjoni li rrilaxxa fl-istqarrija u fil-verżjoni li xehed dwarha fid-depożizzjoni tiegħu. Il-Qorti qajla tifhem kif Antonio Auguliaro qatt ma ġie affrontat bl-allegazzjoni li sussegwentement għamel l-imputat fix-xhieda tiegħu, li meta kienu flimkien il-Lebanon, kien kellimhom spettur dwar il-merkanzija konfiskata u li kienu allegatament xaħħmu lil xi ħadd mid-dwana biex il-merkanzija tiġi rilaxxata.

Magħdud dan in-nuqqas assolut ta' dokumenti uffiċjali jew xort'oħra b'rabta mal-allegat konfiska tal-merkanzija mill-awtoritajiet tad-dwana u fuq kollox – kif diġa' ngħad - l-**ineżistenza totali ta' dokumenti, anke informali, li juru l-bejgħ tal-merkanzija mill-imputat u qrabatu lill-ħwienet, fosthom supermarkets, ġewwa l-Lebanon u r-rifużjoni lill-istess qraba tiegħu tal-ammont li suppost ħarġu biex jikkontribwixxu għall-prezz tal-akkwist tal-merkanzija**. Lanqas ma jeżisti dokument dwar l-allegat bejgħ tal-prodott lil *"xi ħadd* [li] *ħa container f'daqqa waħda*"[44]. Provi u xhieda li indubbjament, ma kellux ikun impossibbli jew diffiċli għall-imputat li jipprokurahom minn ġewwa l-Lebanon, pajjiż twelidu fejn *ex admissis* għandu rabtiet u diversi familjari jgħixu hemmhekk.

Jiġi ribadit illi skont l-insenjament paċifiku in materja, hu neċessarju li biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, il-manuvri tal-aġent tar-reat iridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' intelliġenza ordinarja, ikunu frawdolenti u li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-liġi[45]. U l-Qorti f'dawn l-imsemmija manuvri tal-imputat – fosthom (i) ir-ritratti mhux ċari ta' xi merkanzija ġewwa maħżen li huwa bagħat lil Antonio Auguliaro, (ii) dokument li suppost jirrappreżenta l-ħlas tas-somma ta' €3,800 għall-kiri ta' żewġ *containers* fil-21 ta' Ġunju 2016 meta l-merkanzija kienet għadha lanqas inxtrat[46], (iii) il-fatt li meta l-imputat ħa lil Oliver Azzopardi, li mar il-Lebanon sewwasew biex jivverifika li l-merkanzija teżisti, jara l-maħżen fejn kienet suppost maħżuna l-merkanzija, inzerta kullimkien magħluq (iv) in-narrattiva li huwa ħareġ il-kumplament

---

[44] Paġna 35 tax-xhieda tal-imputat.
[45] **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** deċiża nhar it-22 ta' Frar 1993, citata f'**Il-Pulizija v. Giuseppe Azzopardi** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22.7.2021
[46] Il-flus intbagħat lill-imputat permezz ta' Western Union f'Awwissu 2016.

tal-flus biex jinxtara l-prodott, mill-kont bankarju tiegħu u ssellef il-kumplament tal-prezz mingħand qraba tiegħu, kif ukoll (v) id-dokumenti li l-imputat bagħat lill-kumpannija biex juri li l-merkanzija ġiet reġistrata ma' National Shipping Company, dokumenti li kien fihom ukoll indikazzjoni falza ta' numri ta' containers - tirravviża mezzi tabilħaqq persważivi illi ġew adoperati mill-imputat biex jipperswadi li huwa kien wettaq l-istruzzjonijiet tal-kumpannija biex jixtri l-merkanzija u jagħmel l-arranġamenti biex din tinġarr lejn Malta, iżda dan in-negozju kien falla.

F'dan kollu l-Qorti tirravviża element manifest ta' *dolo* da parti tal-imputat li konsistentement żvija lil Antonio Auguliaro u lil Oliver Azzopardi biex jemmnu, permezz ta' narrattiva falza sostanzjata biss b'dokumenti nebolużi u ekwivoċi, li huwa sab il-prodott għand supplier li ried jitħallas biss f'kontanti u mingħajr karti, li xtara l-merkanzija mingħandu fil-kwantita' li kellha bżonn il-kumpannija u li din ġiet mgħobbija f'*containers* li ġew reġistrati mal-*freight forwarder* biex jintbagħtu Malta. Fl-assjem tal-provi kollha, il-Qorti hi konvinta li mhux minnu li l-imputat sab *supplier*, ħallsu l-prezz biex jixtri l-merkanzija u ħallas biex din ġiet trasportata lejn il-port f'*containers* biex tintbagħat lejn Malta: għall-kuntrarju, hija moralment konvinta li dan in-negozju qatt ma seħħ fil-verita' u li dan kollu kien messa in xena maħduma mill-imputat biex jagħmel qligħ a skapitu tal-kumpannija. Messa in xena li mbagħad nisslet stejjer dwar il-konfiska tal-merkanzija, tixħim, persuni arrestati u persuni jaħarbu lejn il-muntanji in konnessjoni ma' dan in-negozju, ilkoll fabbrikati mill-imputat meta Antonio Auguliaro iddeċieda li jmur il-Lebanon biex jitkellem mal-persuni li kienu involuti f'dan in-negozju u sabiex jara kif jista' jwassal din il-merkanzija żgiċċata, lejn Malta.

Minn dan il-Qorti tqis li l-imputat mhux biss għamel rappreżentazzjonijiet foloz lil Antonio Auguliaro u Oliver Azzopardi dwar l-eżistenza u l-akkwist tal-merkanzija iżda għamel dawn ir-rappreżentazzjonijiet foloz bil-ħsieb speċifiku li jagħmel qligħ bi ħsara tal-kumpannija f'dan in-negozju li kienet daħlet għaliha. Għall-Qorti, l-użu da parti tal-imputat ta' stqarrijiet foloz, sostanzjati b'dokumenti maħsuba biex jikkonvinċu lil sħabu fin-negozju f'intrapriża li evidentement kienet ineżistenti, mhux

biss jinkwadra sfiq bħala manifestazzjoni ta' wieħed mill-elementi materjali tar-reat ta' truffa, iżda waħdu jikkostitwixxi wkoll prova biżżejjed tal-intenzjoni doluża fl-imputata li tinduċi lill-kumpannija tħallsu għall-akkwist u ġarr ta' merkanzija liema negozju iżda qatt ma seħħ.

Dan stabbilt, il-Qorti ma rriskontratx provi biżżejjed li l-imputat qarraq bil-kumpannija jew bi sħabu fin-negozju safejn għandu x'jaqsam in-negozju li ġie diskuss man-negozjant ġewwa Dubai: wara kollox, dan in-negozju ma ġiex konkluż u f'kull każ, il-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi li jistabbilixxu inkonfutabbilment illi kien l-imputat li identifika s-supplier f'Dubai jew li dan il-propost negozju kien messa in xena.

Ikkunsidrat;

Stabbilit dan kollu, il-Qorti xorta waħda tqis li għandha tanalizza l-verżjoni tal-imputat biex jiġi manifestat in-nuqqas assolut ta' kredibbilita' tiegħu, liema nuqqas ta' kredibbilita' ikompli jirrinforza l-konvinzjoni tagħha dwar il-ħtija tal-imputat għar-reat ta' truffa. Il-Qorti tqis illi l-verżjoni tal-imputat, kumplessa u surrejali kif inhi, ma tistax tingħata qies serju ta' kredibbilita'. Mhux talli din il-verżjoni m'hijiex sorretta minn imqar dokument wieħed li għandu ness oġġettiv mal-merkanzija li ngħata l-flus biex jakkwista u jibgħat lejn il-Freeport Malta, jew minn xi xhud jew prova oħra li jikkonforta din l-istorja fantastika li niseġ waqt ix-xhieda tiegħu, talli huwa evidenti li din il-verżjoni hi miżgħuda b'kontradizzjonijiet u inkonsistenzi fondamentali li jxejnu għal kollox l-element ta' affidabbilita' u kredibbilita' li jeħtieġ biex id-difiża tiegħu, mibnija *in toto* kif inhi fuq din il-verżjoni[47], tiġi ppruvata sal-grad tal-probabbli.

L-imputat fl-istqarrija tiegħu sostna li l-merkanzija qatt ma waslet Malta għaliex kien hemm problema bid-dokumenti, Nestle ma ħallewx il-prodott joħrog barra mil-Lebanon u l-merkanzija ġiet miżmuma fil-port. Imkien ma semma li l-merkanzija

---

[47] Skont kif ġie sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiża.

kienet ser toħroġ mill-pajjiż bil-moħbi u li dan kien każ ta' kuntrabandu iżda insista li n-negozju falla għaliex ma setgħux iwasslu l-merkanzija lejn Malta. Meta ġie mitlub mill-Pulizija jipproduċi dokumenti biex jissostanzja l-verżjoni tiegħu, huwa qal li kien bagħat ir-riċevuti kollha lil Antonio u qatt ma sostna li m'hemmx dokumenti għaliex it-transazzjoni kienet waħda suspettuża jew illegali. Kemm hu hekk, fl-istqarrija tiegħu l-imputat irrefera għal Mohammed is-*supplier,* bħala sub-aġent u mhux bħala xi karattru suspettuż li jbiegħ il-prodott illegalment. Iżda meta xehed quddiem il-Qorti l-imputat sawwar narrattiva ġdida ta' misteru u kuntrabandu u sostna li m'għandux dokumenti proprju għaliex kollox sar bil-moħbi billi l-merkanzija kienet ġiet akkwistata fuq l-idejn b'mod illegali tant illi ma setgħetx lanqas tidher u kellha tiġi moħbija waqt it-trasport lejn il-port u ġiet eventwalment konfiskata għaliex kienet misruqa.

Jiġi osservat ukoll li meta ġie mistoqsi għaliex ma għamilx l-arranġamenti għall-ġarr tal-merkanzija lejn Malta tramite r-rappreżentanti ta' Express Trailers ġewwa Lebanon (Universal Shipping) skont l-istruzzjonijiet speċifiċi li kien tah Auguliaro[48], l-imputat fix-xhieda tiegħu ta verżjoni li hija assolutament irrikonċiljabbli ma' dak li stqarr fl-istqarrija. Fl-istqarrija tiegħu huwa qal li rranga ma' ċertu Bessam Ilboula, *shipper*, li kellu jibghat kollox Malta permezz tal-kumpannija National Shipping: "*Shipper Bessam kien qalli li kien ser jibgħatu prezz tajjeb ma' National Shipping"* u meta għarraf lil Antonio b'dan, kien aċċetta "*imma qalli darb'oħra nibgħatuhom ma Express Trailers*". Iżda quddiem il-Qorti huwa evidenti li l-imputat mhux biss naqas milli jimxi, lanqas in sostanza, mal-verżjoni preċedenti tiegħu iżda lanqas kien kapaċi jagħti risposta koerenti u li tagħmel sens. Magħdud dan il-fatt li fl-istqarrija tiegħu qal li x-*shipper* kien Bessam Ilboula, filwaqt li fix-xhieda tiegħu qal li x-shipper kien ċertu "Ali". In effetti, Bessam Ilboula ma reġgħex issemma fl-ebda waqt mill-imputat fix-xhieda tiegħu u minflok, xehed li huwa kien mar għand l-aġent tal-Express Trailers ġewwa l-Lebanon iżda ġie infurmat li ma setax jintbagħat ix-xogħol "*għax bla karti*" u kien għalhekk li ħadem b'*shipper* ieħor, Ali.

[48] Ara dokumenti fol. 126, 127.

Għall-Qorti huwa bil-wisq ovvju li l-imputat sawwar storja ta' kuntrabandu u illegalitajiet biss meta ġie biex jixhed quddiem il-Qorti biex jgħatti għall-fatt li huwa ma għandu f'idejh l-ebda dokument kwalsiasi li jevidenzja l-fatt li huwa kien effettivament akkwista dan il-prodott għan-nom tal-kumpannija. Per eżempju, imkien fl-istqarrija tiegħu l-imputat kien qal li s-*supplier* ma setax joħroġ fattura għaliex il-prodott ma setax jinbiegħ legalment u kien kuntrabandu, kif imbagħad fisser waqt ix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti.

Iżda f'kull każ, mill-provi ma jirriżulta li n-negozju tal-esportazzjoni tal-prodott in kwistjoni mil-Lebanon, kien illegali. Kif rajna, hemm qbil li dan ma setax jiġi importat u jinbiegħ ġewwa Malta u l-Unjoni Ewropeja iżda dan kien fatt ben magħruf lill-kumpannija u lil Oliver Azzopardi u tressqu provi sodisfaċjenti mill-Prosekuzzjoni li juru li l-prodott ma kienx maħsub għall-importazzjoni u bejgħ fis-suq Malti iżda fis-suq Libjan[49]. Il-Qorti tosserva li l-imputat ma ressaq l-ebda prova fl-atti li tissostanzja l-allegazzjoni tiegħu li l-prodott kien ser jitlaq mil-Lebanon illegalment u li ma setax lanqas jgħaddi *in transit* mill-Ewropa; tqis ukoll li meta Oliver Azzopardi qal in kontro-eżami li dan il-prodott fih ingredjenti li m'humiex konsistenti mar-regoli tal-Unjoni Ewropeja, din ma tgħoddx bħala opinjoni esperta[50] u lanqas joffri konfort lit-teżi tal-imputat li l-prodott kien ser jintbagħat lejn Malta b'kuntrabandu. Fir-rigward issir referenza għall-kopji tal-*proforma invoices*[51] maħruġin minn Aurum Co. Limited lil żewġ klijenti minn tagħha għall-ordnijiet tal-prodott Nestle Nido Red Lid, fejn jidher ċar li **d-destinazzjoni finali tal-prodott kien ser ikun fl-Afrika tan-Nord u mhux Malta jew xi pajjiż fl-Unjoni Ewropea**.

Fuq kollox, il-fatt li fl-*email* li kien intbagħat minn Antonio Auguliaro lil *supplier* potenzjali ġewwa Dubai, ċertu Aalah, huwa evidenti li jekk fl-*invoice* kien ser jiġi mistur il-fatt li l-prodott li kien qed jinbiegħ kien Nestle Nido Red Tap, dan ma jirriżultax li sar fuq struzzjonijiet ta' Auguliaro iżda pjuttost bil-kontra. Auguliaro

[49] Oliver Azzopardi afferma li l-prodott kien destinat mhux għas-suq Malti iżda għas-suq Libjan u ma jistax jinbiegħ fl-Unjoni Ewropeja.
[50] Oliver Azzopardi xehed li l-mestier tiegħu huwa fil-laħam u ma jifhmix fin-negozju ta' importazzjoni u esportazzjoni tal-ħalib tat-trabi.
[51] Dok. AA1, fol. 33 u 33A.

kiteb: "*it is my understanding that you had discussed and* ***insisted with my representatives*** *to show in invoice this product marko Milk rather than Nido Red Cap 400g* ***due to bank reasons and Nestle Corporation Dubai***"[52] u insista wkoll li f'kull każ, il-prodott li kellu jintbagħat lejn Malta jkun Nestle Nido Red Cap u mhux Marko Milk u li dan kellu jiġi spezzjonat qabel jitgħabba fil-*containers*. Fuq kollox, Antonio Auguliaro nnifsu fl-istess *email* insista espressament illi l-*containers* bil-prodott Nestle jintbagħtu lill-Freeport ta' Malta.

Inoltre, kuntrarjament għal dak li xehed l-imputat quddiem il-Qorti, il-Qorti fehmet illi l-ħruġ tal-*invoice* da parti ta' ċertu Joseph Antoine Ibrahim - persuna Lebaniża li kellha negozju ta' bejgħ ta' *mobile phones* - ma kienx meħtieġ għaliex dan in-negozju kien illegali, iżda kien meħtieġ biex jiffaċilita l-ħlas mill-kumpannija Aurum permezz ta' trasferiment bankarju fil-Lebanon tal-prezz tal-prodott lis-*supplier* Mohammed li allegatament ma riedx joħroġ *invoice*[53]. Wara kollox, kien l-imputat innifsu li fl-istqarrija tiegħu kien fisser li Joseph aċċetta li joħroġ *invoice* għall-prezz tal-prodott Nestle Nido Red Cap, għaliex mingħajr *invoice* ma setax jiġi trasferit ammont daqshekk sostanzjali tal-flus permezz tal-banek. Il-Qorti tosserva wkoll li lanqas l-allegazzjoni li għamel in segwitu l-imputat fix-xhieda tiegħu, li Auguliaro kien ftiehem ma' Joseph biex ibagħbas l-*invoice*, ma ġiet ippruvata u kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mid-difiża fit-trattazzjoni, imkien ma jirriżulta mill-provi li kien hemm tbagħbis fl-*invoice*. In effetti, dak li jirriżulta minn qari oġġettiv tal-*email* li bagħat Antonio Auguliaro lil Joseph[54], huwa li Auguliaro talab korrezzjoni fl-*invoice* biex dan jaqra *"... qty 1440 cartons of nido @65 USD/Carton. Total value 93,600 USD.*" Dan hu tassew l-ordni li mill-provi jirriżulta li l-kumpannija inkarigat lill-imputat jagħmel għan-nom tagħha u mkien ma jirriżulta li kien hemm xi tentattiv li jiġi mistur il-fatt li effettivament, il-kumpannija Aurum ġewwa Malta kienet qed tixtri mingħand *supplier* Lebaniż proprju il-prodott li, skont l-imputat, ma setax jinbiegħ ħlief fil-Lebanon.

[52] Emfasi tal-Qorti.
[53] Hemm qbil li l-kumpannija kellha tħallas lil Joseph Antoine Ibrahim l-ammont ta' VAT li jkun dovut minnu abbażi ta' dak l-invoice.
[54] Dok. OAY, esebit mill-imputat.

Il-Qorti, wara li semgħet ix-xhieda ta' Antonio Auguliaro fir-rigward[55], fehmet li din it-transazzjoni kollha ma' Joseph kienet biss manifestazzjoni esterna oħra tal-ingann tal-imputat, intiża biex tagħti affidabbilita' lill-verżjoni li kien ta lill-kumpannija li l-flus ma setgħux jitħallsu direttament lis-*supplier* għaliex huwa ma kellux kontijiet bankarji u ried jitħallas biss kontanti.

Inoltre, il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll li t-teżi aġġornata tal-imputat fix-xhieda tiegħu li dan in-negozju kien kollu illegali għaliex il-prodott inxtara bil-kuntrabandu u ma setax jitlaq mil-Lebanon, hija mminata wkoll minn diversi fatturi oħrajn, primarjament il-fatt illi Antonio Auguliaro xehed illi l-imputat kien bagħtlu dokumenti oriġinali maħruġin minn ħadd ħlief Nestle Lebanon liema dokumenti juru li fil-5 ta' Awwissu 2016 huwa kien ħallas $1,400[56] b'rabta max-xiri tal-prodott Nestle Red Tap. Il-Qorti tistenna li jekk dawn id-dokumenti għandhom jingħaddu bħala ġenwini, allura għandu jikkonsegwi li l-imputat xtara prodott b'mod leġittimu u mhux, kif qed jipprova jpenġi fix-xhieda tiegħu, illegalment u bil-moħbi. Iżda l-ammont indikat fir-riċevuta in diżamina[57] huwa ferm u ferm inqas mill-prezz tal-merkanzija li kellha tinxtara u iktar minn hekk, l-imputat ma għamel l-ebda aċċenn kwalsiasi għal dawn id-dokumenti fix-xhieda tiegħu biex ifisser x'jirrappreżentaw.

L-affidabbilita' tal-verżjoni tal-imputat li ma jeżistux dokumenti oħrajn dwar dan in-negozju għaliex dan kien kollu illegali, diġa' ġiet eskluża. Fil-fehma tal-Qorti, ma jeżistux dokumenti għaliex in-negozju ma seħħx, mhux għaliex kien illegali. Din il-fehma hi rinforzata bil-fatt illi kieku dan in-negozju kien illegali kif ipprova jagħti x'jifhem l-imputat meta xehed quddiem il-Qorti, qajla kien imur isellef il-flus biex jiffinanzja negozju riskjuż bħal dan, mingħand qrabatu u konsegwentement, anke fin-nuqqas ta' dokumenti li juru li l-imputat effettivament ħareġ il-flus biex iħallas il-kumplament tal-prezz tal-merkanzija, hija konvinta li l-intrapriża li l-imputat qal li nnegozja, kienet ineżistenti. Tosserva wkoll, fir-rigward, li anke jekk tista' għal

[55] Kontro-eżami ta' Antonio Auguliaro, 17.2.2021.
[56] Dok. AA10, fol. 78 u 79 u Dok. AA21, fol 143, 144.
[57] Fol. 89.

mument, tasal biex tifhem li m'hemmx dokumenti dwar in-negozju tal-bejgħ tal-prodott għaliex dan skont l-imputat sar *on a cash basis*, l-istess ma jistax jingħad għan-nuqqas pależi ta' dokumenti in sostenn tas-somma ta' $89,000 li skont l-imputat[58] huwa t-total ta' dak li huwa ħareġ mill-kont bankarju tiegħu ġewwa Dubai[59] u li ħarġu wkoll qraba tiegħu biex seta' jitħallas il-prezz tal-akkwist tal-merkanzija lis-*supplier*. Dan kollu magħdud jikkonvinċi lill-Qorti li kuntrarjament għar-rassigurazzjonijiet mogħtija mill-imputat lil sħabu fin-negozju, il-merkanzija ma ġietx akkwistata mingħand is-*supplier* u qatt ma seħħet l-intrapriża li l-imputat ikkonvinċa lil sħabu li kien innegozja u kkonkluda.

Illi għall-Qorti, l-imputat ma rnexxilux jipprova l-verżjoni tiegħu sal-grad tal-probabbli jew b'xi mod inaqqas il-konvinċiment morali tal-Qorti fil-prova li ressqet il-Prosekuzzjoni illi l-imputat effettivament ħoloq *mis-en-scene* biex jikkonvinċi lil sħabu fin-negozju li huwa kien xtara l-merkanzija u kien għamel l-arranġamenti biex din tintbagħat lejn Malta. Il-fatt li "*l-ideja tan-negozju kienet mill-bidu nett ta' Auguliaro u li huma kienu sempliċement iwettqu l-istruzzjonijiet tiegħu"* u *"l-esponenti kien involut biss minħabba l-għarfien tiegħu tal-lingwa Għarbija u minħabba li kien aktar familjari ma' Dubai u l-Lebanon minn Auguliaro u Azzopardi*" ma jfissirx li l-ingann qatt ma seħħ, kif targomenta d-difiża fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha. Il-Qorti hi konvinta mill-provi kien proprju l-għarfien tiegħu tal-lingwa Għarbija u l-konnessjonijiet tiegħu fil-Lebanon li ffaċilita t-twettiq tal-ingann u l-ħolqien ta' *cover up* għan-negozju li ġie fabrikat.

Dan kollu jfisser neċessarjament illi l-imputat għandu jinstab ħati wkoll tar-reat minuri ta' frodi nnominat, ġaladarba r-reat taħt l-Artikolu 309 tal-Kap. 9 huwa reat minuri u kompriż fir-reat ta' truffa taħt l-Artikolu 308 tal-Kap. 9 u jinsabu sodisfatti l-elementi kollha tar-reat.

---

[58] Stqarrija tal-imputat, fol. 9.

[59] Minkejja li l-imputat qal fl-istqarrija tiegħu li huwa kellu dawn id-dokumenti fil-pussess tiegħu. Baqa' ma pproduċiex lanqas xi prova, de minimis, li huwa verament qabad titjira minn Lebanon lejn Dubai biex jiġbed dan il-flus.

Ikkunsidrat;

Stabbilit li l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat ta' truffa għaliex inqeda b'ingann biex jikkonvinċi lill-kumpannija Aurum Co. Limited tibgħatlu l-flus biex iħallas bihom il-merkanzija li qal li kien identifika għand *supplier* fil-Lebanon u kien ħallas depożitu fuqha, merkanzija li ġie ppruvat li ma ġietx hekk mixtrija, u ppruvat ukoll li l-imputat irċieva somma ta' ċirka €25,000 mingħand il-kumpannija Aurum Co. Limited speċifikatament biex jixtri din il-merkanzija li ġie ppruvat li qatt ma nxtrat, il-Qorti tqis li huwa ppruvat ukoll li l-imputat għandu jinstab ħati wkoll tar-reat ta' misapproprjazzjoni.

Kif inhu risaput, ir-reat ta' misapproprjazzjoni huwa radikat fl-abbuż tal-fiduċja li tingħata lill-aġent, liema abbuż iwassal għall-amministrazzjoni jew użu ħażin ta' kwalunkwe oġġett billi jagħmel użu mill-istess għall-profitt personali tiegħu jew għall-qligħ sew finanzjarju jew xort'oħra. Huwa risaput ukoll li għas-sejbien ta' ħtija għar-reat ta' misapproprjazzjoni irid jiġi ppruvat li l-awtur tar-reat in diżamina irid ikollu l-intenzjoni speċifika li l-oġġett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi għal għan speċifiku, jiġi mdawwar minnu bi profitt għalih jew għal haddiehor daqs li kieku huwa kien il-propjetarju tal-istess oġġett.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei: *"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio" (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276).*[60]

Illi f'sentenza ohra deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Gauci** deciza fl-14 ta' Frar 1997, ġie spjegat b'mod sempliċi l-elementi ta' dana ir-reat:

---

[60] **Il-Pulizija vs Francis Camilleri** deciza fil-25 ta' Gunju 2001 – Appell Kriminali (Inf.).

"*Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat.* ***F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers.***" (emfasi ta' din il-Qorti)

Dan ifisser li għall-prova ta' dan ir-reat, irid ikun hemm konverżjoni, u hemm konverżjoni *inter alia* meta l-ħati jkun ircieva l-ħaġa biex minnha jagħmel użu determinat u minflok, jikkommettiha għall-beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-ħaġa kuntrarjament għall-pattijiet stipulati in buona fede[61].

Applikat dan l-insenjament għall-każ li għandha quddiemha, il-Qorti tqis li ġie ppruvat sodisfaċjentement illi filwaqt li l-flus ġew mgħoddija lill-imputat mill-kumpannija Aurum Co. Limited biex jixtri l-merkanzija u jġorrha lejn il-port biex tintbagħat lejn Malta permezz ta' *freight forwarder* partikolari, dan in-negozju mhux veru li seħħ. Il-korollarju ta' dan hu, neċessarjament, li l-imputat ma użax il-flus li rċieva mingħand il-kumpannija għall-iskop li ġie speċifikat minnha u skont l-istruzzjonijiet li tatu u dan in-nuqqas fih innifsu jikkostitwixxi l-element materjali kostituttiv tar-reat taħt l-Artikolu 293. Mix-xhieda huwa ppruvat ukoll li dawn il-flus ġew mgħoddija lill-imputat personalment u anke skont il-verżjoni tal-imputat innifsu,

[61] Appell Kriminali deciza fil-21 ta' Novembru, 1953.

għadhom għandu (għalkemm għal raġunijiet differenti minn dawk li jirriżultaw mill-provi).

Illi dwar il-profitt l-Antolisei[62] jgħid: "*Per quanto concerne la consumazione del reato deve escludersi che sia necessario che l'agente abbia conseguito un profitto perche' dalla formola dell'articolo 646 si desume in modo inequivocabile che il profitto e' soltanto una nota dell'elemento psicologico; e' il fine a cui la volonta' si deve dirigere.* ***Non c'e' dubio che il delitto e' perfetto anche se tale fine non viene realizzato****.*"[63]

F'dan il-każ diġa' ġie stabbilit li l-imputat aġixxa b'*dolo* meta pprokura l-ħlasijiet mingħand il-kumpannija biex iħallas għall-akkwist tal-merkanzija li ma ġietx akkwistata u dan l-element ta' *dolo* jsarraf sewwasew fl-*animo di lucro* meħtieġ għall-konsummazzjoni tar-reat ta' misapproprjazzjoni. In propositu, Luigi Maino[64], fuq il-kuncett tad-*dolo* necessarju ghal ezistenza ta' dan r-reat, qal hekk:- "*... il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro , che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione ...*"

Għaldaqstant, l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat ta' misapproprjazzjoni, biċ-ċirkostanzi aggravanti maħsuba taħt l-Artikolu 294 tal-Kap. 9 stante illi huwa ppruvat li l-flus ġie kkunsinnat lill-imputat sewwasew minħabba li l-kariga lilu mogħti sabiex jinnegozja x-xiri tal-merkanzija u t-trasport tagħha lejn Malta fl-interess tal-kumpannija; jirriżulta wkoll li l-imputat ingħata prokura minn Antonio Auguliaro biex jidher f'ismu fin-negozju li kellu jiġi konkluż fil-Lebanon jew il-Lvant Nofsani[65].

---

[62] "Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale, fl-ewwel volum, pagna 316 sa pagna 331.

[63] **Il-Pulizija v. Sandro (Alexander George) Schembri Adami** – deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta, 3.6.2011. Emfasi ta' din il-Qorti.

[64] Commento al Codice Italiano UTET (1922) Vol IV para 1951 pagna 105 – 106: ċitat fis-sentenza **Il-Pulizija v. Concetta Charles** deċiża fis-6.6.2011 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

[65] Prokura datata 23 ta' Mejju 2016, Dok. Y10, fol. 261.

In kwantu għas-sottomissjoni li saret mid-difiża illi dan mhux każ ta' kommissjoni ta' reat kriminali iżda kwistjoni ta' natura ċivili konċernanti negozju kummerċjali li falliet, il-Qorti tosserva illi anke li kieku hemm azzjoni ċivili bejn il-partijiet, xorta l-azzjoni kriminali tibqa' tippersisti jekk l-elementi tar-reat jissussistu. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Giuseppe Cauchi**[66] il-Qorti qalet hekk in propositu f'każ li kien jittratta akkuża ta' misapproprjazzjoni:-

"*Xejn ma jiswa biex ihassar dan ir-reat il-fatt li l-persuna danneggjata tkun hadet proceduri civili biex tigbor flusha; ghax l-azzjoni civili hija indipendenti mill-azzjoni kriminali.*"

Ikkunsidrat;

Għar-rigward tar-reat tal-falsifikazzjoni, addebitat lill-imputat fir-raba' imputazzjoni, għandu jingħad li l-liġi tikkontempla diversi forom ta' falz f'dokumenti pubbliċi u skritturi privati. Hekk kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Galea**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 1997:-

*"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi iffalsifikat fl-essenza tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut idejali tieghu (ara antolisei F. Manuale di Diritto Penali – V.VI n.2296 – 829). Ikun hemm falz materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur rejali tad-dokument jew meta d-dokument ikun isubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew ta' volonta (Antolisei F. op.cit p594). S'intendi b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici,*

[66] *Supra*.

*izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' issir kemm bl-id, kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg."*

Il-Qorti tibda biex tosserva li l-Prosekuzzjoni naqset milli tindika b'mod definittiv liem'huma, fost il-kwantita' konsiderevoli ta' dokumenti li ġew esebiti fl-atti proċesswali, dawk li huma allegatament falsifikati.

Filwaqt li għandha riżervi serji dwar l-awtentiċita' tad-dokumenti senjatament l-*invoice* ossia riċevuta tal-ħlas tas-somma ta' $3,800[67], liema dokument ma fih la n-numri taż-żewġ *containers* li allegatament ġew mikrija u lanqas l-isem tal-azjenda li suppost kriethom lill-imputat[68], ma tqisx illi nġiebu provi biżżejjed li jintwera li effettivament dan id-dokument huwa falsifikat.

In kwantu l-indikazzjoni tan-numru taż-żewġ *containers* fuq id-dokument Dok. AA17[69] li ntbagħat lil Antonio Auguliaro, il-Qorti hi konvinta li effettivament l-indikazzjoni ta' dawn in-numri fuq id-dokument maħruġ in bjank – liema numri ġie ppruvat li ma jeżistux – hija falza u li din il-ktiba tikkostitwixxi dokument falsifikat. Iżda fl-istess waqt hu ovvju li l-indikazzjoni ta' numru ta' container li ma jeżistix, ma saritx biex tidher bħala indikazzjoni formali u mhijiex maħsuba biex tifforma parti integrali mid-dokument in diżamina. Għalkemm m'hemmx prova lanqas li d-dokument innifsu m'huwiex ġenwin, il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat għamel f'dan id-dokument, stqarrija jew dikjarazzjoni falza dwar numri ta' żewġ *containers* li jirriżulta li ma jeżistux.

---

[67] Dok. AA10, fol. 77.

[68] Il-Qorti tinnota wkoll li n-numri ta' dawn il-containers ma jaqblux man-numri tal-containers li jidhru fir-ritratti li ntbagħtu mill-imputat lil Antonio Auguliaro fis-6.8.2016 – Dok. AA18, fol. 124.

[69] Fol. 106.

Bla tlaqliq jingħad li ma tistax tinstab ħtija fl-imputat għar-reati maħsuba fl-Artikolu 183 tal-Kap. 9 għaliex id-dokumenti li fih saret id-dikjarazzjoni falza la huwa att awtentiku u pubbliku u lanqas m'hu skrittura ta' bank privat. Għalkemm mhux eskluż li dan id-dokument hu skrittura kummerċjali, ma sarx tibdil fl-iskrittura jew f'xi firem u ma nħolqux pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi. Dak li għamel l-imputat hu li żied b'kitba tiegħu indikazzjoni ta' numru ineżistenti fuq dokument li ma jirriżultax li huwa maħsub biex ikun fih indikazzjoni tan-numru ta' container.

Imbagħad, in kwantu għar-reat taħt l-Artikolu 184 tal-Kap. 9, billi dan ir-reat jiġi kommess permezz tal-użu ta' wieħed minn dawk id-dokumenti imsemmija fl-Artikolu 183 jew dokumenti jew atti pubbliċi, jew atti magħmula minn uffiċjali pubbliċi imsemmija fl-Artikoli preċedenti li jikkonċernaw reati li l-imputat ma ġiex akkużat bihom, ma tistax tinstab ħtija fl-imputat għall-ħames imputazzjoni.

Ir-reat taħt l-Artikolu 185 tal-Kap. 9, addebitat fis-sitt imputazzjoni, ma jistax isib riskontru f'dan il-każ peress li hu manifest li dan ir-reat – ċioe' l-għoti ta' dikjarazzjonijiet jew ċertifikati foloz – jista' jiġi kommess biss minn impjegat jew uffiċjal pubbliku u l-Prosekuzzjoni ma wrietx li l-imputat huwa effettivament uffiċjal jew impjegat pubbliku. L-imputat għad illi mhux uffiċjal pubbliku, ma kienx taħt xi dmir li jagħti din id-dikjarazzjoni li rriżulta li hija falza.

Il-korollarju ta' dan hu li lanqas jista' l-imputat jinstab ħati tas-seba' imputazzjoni, stante li dan jirreferi għall-użu minn dokument maħruġ minn uffiċjal jew impjegat pubbliku a tenur tal-Artikolu preċedenti, ċioe' l-Artikolu 185 tal-Kap. 9 u diġa' ġie stabbilit li d-dokument li fih dikjarazzjoni falza, mhuwiex dokument maħruġ minn uffiċjal jew impjegat pubbliku.

L-istess jgħodd għar-reat addebitat lill-imputat fit-tmien imputazzjoni, ċioe' r-reat taħt l-Artikolu 187 li jagħmel referenza għall-Artikolu 179 tal-Kap. 9: biex tiġi riskontrata l-kommissjoni ta' dan ir-reat jeħtieġ li jiġi ppruvat li l-falsifikazzjoni fid-dokument

tkun twettqet b'firem foloz, jew b'tibdil f'atti, fi skritturi, jew f'firem, jew billi jiddaħħal isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba magħmula jew imniżżla f'reġistri jew f'att pubbliku, u kif rajna, id-dokument li fih saret dikjarazzjoni falza m'huwiex wieħed minn dawn u lanqas tikkostitwixxi firma falza jew isem ta' persuna mhux vera jew tibdil ieħor. Għaldaqstant, it-tmien imputazzjoni ma tirriżultax.

Għalkemm din l-azzjoni tal-imputat, ċioe' d-dikjarazzjoni falza kwantu għan-numri ta' żewġ *containers*, ma tinkwadrax fil-kondotta kriminuża li ssawwar ir-reati taħt l-Artikolu 183, 184, 185 u 186 tal-Kap. 9, il-Qorti tqis illi l-indikazzjoni falza li għamel l-imputat fid-dokument in diżamina, tikkostitwixxi dikjarazzjoni falza għall-fini tar-reat taħt l-Artikolu 188(2) tal-Kap. 9. Dan qed jingħad għaliex ġie ppruvat fil-grad li teħtieġ għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li l-indikazzjoni tan-numri taż-żewġ *containers* in kwistjoni li saret l-imputat fid-dokument (Dok. AA17) li huwa bagħat lil Antonio Auguliaro biex jikkonvinċih li l-merkanzija ntbagħet lejn Malta fl-imsemmija żewġ *containers*, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz. Effettivament, mill-provi jirriżulta li kuntrarjament għal dak li ġie dikjarat mill-imputat, dawn il-*containers* mhux veru li kien irreġistrahom mal-*freight forwarder* li huwa indika lil Antonio Auguliaro. Il-vantaġġ jew benefiċċju li kiseb l-imputat b'din id-dikjarazzjoni falza hu manifest: huwa b'hekk kien qed jagħti affidabbilita' lill-gidba tiegħu li l-merkanzija li suppost kien xtara bil-flus tal-kumpannija, kienet ġiet mgħobbija f'*containers* skont l-istruzzjonijiet tal-kumpannija u kienet qiegħda fi triqitha lejn Malta.

Iżda premess dan kollu, ma jirriżultax li l-imputat ġie mixli taħt l-Artikolu 188 tal-Kap. 9 u effettivament, din id-dispożizzjoni legali la ġiet ċitata mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju u lanqas tinsab rispekkjata fl-ebda waħda mill-imputazzjonijiet u għaldaqstant minkejja dak li ġie appena stabbilit, il-Qorti ma tistax issib ħtija taħt dan l-Artikolu.

Għalhekk sejra tinstab ħtija fl-imputat biss għar-reat taħt l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 addebitat fid-disa' imputazzjoni, fejn huwa ħati ta' dan ir-reat kull min jagħmel

falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu. Kif diġa' ġie stabbilit, huwa ppruvat li l-imputat għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza u ta tagħrif falz kif ukoll għamel użu minn dokument falsifikat, ċioe' l-indikazzjoni bil-kitba ta' numri ta' *containers* li ma jeżistux u dan biex jipperswadi lill-kumpannija u lil Antonio Auguliaro li huwa kien bagħat effettivament il-konsenja tal-merkanzija lejn Malta fil-*containers* indikati.

Ikkunsidrat;

Għall-fini ta' piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni s-serjeta' tar-reat li l-imputat qed jinstab ħati tagħhom, il-fatt illi l-imputat inganna lill-kumpannija u s-sħab fin-negozju matul perijodu ta' diversi xhur u l-fatt li l-ammont tat-telf subit b'riżultat tat-twettiq mill-imputat tal-qerq u misapproprjazzjoni, hu wieħed konsiderevoli. Fattur ieħor relevanti huwa li għalkemm l-imputat iddikjara diversi drabi li huwa lest jirrifondi lill-kumpannija l-flus li hija ħarġet, ma jirriżultax li huwa hallas xi parti minn dan il-flus lill-kumpannija. Inoltre, ħarsa lejn il-fedina penali tiegħu turi li l-imputat mhux xi novizz fil-kriminalita' u diġa' ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija effettiva. Madanakollu huwa ma ġiex mixli li huwa reċidiv.

Għandu jittieħed qies ukoll tal-fatt illi r-reati li qed jinstab ħati tagħhom l-imputat Falzon jissodisfaw l-elementi tar-reat kontinwat kontemplat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9, ċitat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju u għalhekk ser jitqiesu bħala reat wieħed. F'kull każ, bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-konkorrenza formali tad-diversi reati li qed jinstab ħati tagħhom l-imputat, għandha tingħata kwantu għal dawn ir-reati, biss il-piena għar-reat l-iktar gravi li f'dan il-kaz huwa r-reat taħt l-Artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9.

**Għal dawn il-motivi filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tar-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 189, 293, 294, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'**

**Malta, issib lil MICHEL ABOU HAIDAR ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u d-disa' imputazzjonijiet u tikkundannah sentejn priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi żmien erba' (4) snin mil-lum, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Qieghda tordna wkoll lill-ħati, MICHEL ABOU HAIDAR, sabiex ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrestitwixxi lil Aurum Company Limited u jew lil Antonio Auguliaro, is-somma ta' ħamsa u għoxrin elf Euro (€25,000), ossia s-somma akkwistata bi ħsara tal-imsemmija persuni permezz tar-reati li dwaru huwa ngħata is-sentenza sospiża, u dan fi żmien sitt (6) xhur.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tiegħu taħt l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija u spjegatlu wkoll il-konsegwenzi tan-nuqqas li jikkonforma ruħu mad-direttiva ghall-hlas tas-somma taht l-Artikolu 28H tal-Kap. 9 fiż-żmien mogħti.**

**Billi ma jirriżultax li gew maħtura xi esperti f'dawn il-proceduri jew fil-*proces-verbal* tal-inkjesta, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba magħmula mill-Prosekuzzjoni taħt l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Għall-fini tal-Artikolu 28A(8) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tordna li din is-sentenza tigi notifikata minnufih lir-Registratur tal-Qorti.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**